KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fl-24 ta' Marzu 2010[1]

Werrej

I — Introduzzjoni ..... I - 10913

II — Il-kuntest ġuridiku ..... I - 10914

A — Id-dritt Komunitarju ..... I - 10914

B — Id-dritt nazzjonali ..... I - 10916

III — Fatti, proċedura fil-kawża prinċipali u domandi preliminari ..... I - 10917

IV — Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ..... I - 10918

V — Argumenti prinċipali tal-partijiet ..... I - 10919

A — L-ewwel domanda preliminari ..... I - 10919

B — It-tieni domanda preliminari ..... I - 10921

VI — Evalwazzjoni ġuridika ..... I - 10922

A — Osservazzjonijiet preliminari ..... I - 10922

B — L-ewwel domanda preliminari ..... I - 10923

1. Il-kunċett ta' "prattiċi kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2005/29 ..... I - 10924

2. Il-kamp ta' applikazzjoni ratione personae tad-Direttiva 2005/29 ..... I - 10924

a) Il-qasam kopert mid-Direttiva 2005/29 ..... I - 10925

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

b) L-għan ta' protezzjoni tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG ..... I - 10928

i) Importanzi rispettivi differenti tad-drittijiet protetti ..... I - 10928

ii) Eżami tad-dispożizzjonijiet u tal-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti. ..... I - 10930

c) Konklużjoni ..... I - 10932

3. L-eżami tal-istrutturi taż-żewġ testi ..... I - 10932

a) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29 ..... I - 10932

i) L-għan ta' armonizzazzjoni sħiħa u massima tal-liġijiet nazzjonali I - 10933

ii) L-istruttura regolatorja tad-Direttiva 2005/29 ..... I - 10934

b) Id-dispożizzjonijiet tal-UWG ..... I - 10935

i) Preżentazzjoni tal-istruttura regolatorja tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG ..... I - 10936

4. Il-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni inkwistjoni mad-Direttiva 2005/29 .... I - 10937

a) Id-dritt miktub nazzjonali ..... I - 10937

i) Inverżjoni tas-sistema regolatorja ..... I - 10937

ii) Insuffiċjenza tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 9a(2) tal-UWG I - 10938

iii) Konklużjoni proviżorja ..... I - 10939

b) Il-possibbiltà li tingħata interpretazzjoni konformi mad-Direttiva 2005/29 ..... I - 10940

i) Eżami fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29 ..... I - 10941

— L-Artikolu 5(4) u (5) tad-Direttiva 2005/29 ..... I - 10941

— L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29 ..... I - 10943

c) Konklużjoni ..... I - 10950

5. Konklużjonijiet ..... I - 10953

C — It-tieni domanda preliminari ..... I - 10954

VII — Konklużjoni ..... I - 10956

I — Introduzzjoni

1. Fil-kuntest ta' din il-proċedura preliminari abbażi tal-Artikolu 234 KE [2], l-Oberster Gerichtshof tar-Repubblika tal-Awstrija (iktar 'il quddiem, il-"qorti tar-rinviju") irrinvjat lill-Qorti tal-Ġustizzja żewġ domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern [3] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2005/29"). Essenzjalment il-kwistjoni tirrigwarda jekk dispożizzjoni nazzjonali li tipprojbixxi r-riklamar, l-offerta jew l-għoti ta' benefiċċji b'xejn ma' pubblikazzjonijiet perjodiċi kif ukoll ir-riklamar ta' benefiċċji b'xejn abbinati ma' prodotti jew servizzi oħrajn, mingħajr l-obbligu li tiġi vverifikata każ b'każ in-natura qarrieqa, aggressiva jew żleali ta' tali prattika kummerċjali, hijiex kompatibbli mad-dritt Komunitarju.

2 — B'mod konformi mat-Trattat ta' Liżbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, iffirmat f'Liżbona fit-13 ta' Diċembru 2007 (ĠU C 306, p. 1), il-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari issa hija rregolata mill-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3 — Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, p. 22).

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari oriġinat minn rikors ta' inibizzjoni ppreżentat minn Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag GmbH & Co KG (iktar 'il quddiem, ir-"rikorrenti fil-kawża prinċipali") kontra "Österreich"-Zeitungsverlag GmbH (iktar 'il quddiem, il-"konvenuta fil-kawża prinċipali") għall-użu anti-kompetittiv ta' premju, fil-forma ta' logħba promozzjonali, li fil-prinċipju huwa pprojbit mid-dritt nazzjonali.

3. Wara l-Kawżi magħquda C-261/07 (VTB-VAB) u C-299/07 (Galatea) [4], kif ukoll il-Kawża C-304/08 (Plus Warenhandelsgesellschaft) [5], din hija t-tielet kawża f'serje ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari li permezz tagħhom il-qrati nazzjonali jqajmu l-kwistjoni tal-kompatibbiltà ta' projbizzjonijiet ta' offerti konġunti imposti minn Stati Membri mad-Direttiva 2005/29. Waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li tiddistingwi din il-kawża minn dawk preċedenti tirrigwarda l-possibbiltà li tiġi vverifikata l-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni meta jkun iddikjarat li l-għan ta' din tal-aħħar ikun il-protezzjoni kemm tal-pluraliżmu tal-midja kif ukoll tal-kompetituri.

4 — Sentenza tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB (C-261/07 u C-299/07, Ġabra p. I-2949).

5 — Sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Plus Warenhandelsgesellschaft (C-304/08, Ġabra p. I-217).

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

4. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/29 huwa fformulat hekk:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li tikseb livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur billi tapprossima l-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prattiċi kummerċjali żleali li jagħmlu ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi."

5. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/29 jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

[...]

d) 'prattiċi kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur' (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'prattiċi kummerċjali') tfisser kwalunkwe att, ommissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni

kummerċjali inluži reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta' xi prodott lil konsumaturi;

[…]".

6. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2005/29 jipprovdi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għal prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur, kif stabbilit fl-Artikolu 5, qabel, matul jew wara tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta' xi prodott."

7. L-Artikolu 4 tad-Direttiva huwa fformulat hekk:

"L-Istati Membri la għandhom irażżnu l-libertà tal-provvista tas-servizzi u lanqas għandhom irażżnu l-moviment liberu ta' merkanzija għal raġunijiet li jaqgħu fil-qasam approssimat minn din id-Direttiva."

8. L-Artikolu 5 tad-Direttiva, intitolat "Projbizzjoni ta' Prattiċi Kummerċjali Żleali", jipprovdi:

"1. Il-prattiċi kummerċjali żleali għandhom ikunu projbiti.

2. Prattika kummerċjali tkun żleali jekk:

a) hija kuntrarja għar-rekwiżiti tad-diliġenza professjonali,

u

b) toħloq distorsjoni sostanzjali jew tista' toħloq distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tal-prodott, tal-konsumatur medju li tilħaq jew li lilu tkun indirizzata, jew tal-membru medju tal-grupp meta xi prattika kummerċjali tkun diretta lejn grupp partikolari ta' konsumaturi.

3. Prattiċi kummerċjali li x'aktarx joħolqu distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika biss ta' grupp identifikabbli b'mod ċar ta' konsumaturi li huma partikolarment vulnerabbli għall-prattika jew għall-prodott li

għalih din tirriferi minħabba l-mard mentali jew fiżiku, l-età jew il-kredulità tagħhom b'mod li l-kummerċjant jista' raġonevolment ikun mistenni li jipprevedi, għandhom jiġu eżaminati mill-perspettiva ta' membru medju ta' dak il-grupp. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-prattika komuni u leġittima ta' reklamar ta' stqarrijiet eżaġerati jew stqarrijiet li mhumiex intiżi sabiex jittieħdu litteralment.

4. B'mod partikolari, ikunu żleali dawk il-prattiċi kummerċjali li:

a) jqarrqu kif stabbilit fl-Artikoli 6 u 7,

jew

b) jkunu aggressivi kif stabbilit fl-Artikoli 8 u 9.

5. Fl-Anness I hemm lista ta' dawk il-prattiċi kummerċjali li għandhom f'kull ċirkostanza jitqiesu bħala żleali. L-istess lista waħdanija għandha tapplika fl-Istati Membri kollha u tista tiġi modifikata biss permezz ta' revizjoni tad-Direttiva."

9. Ir-riklamar, l-offerta jew l-għoti ta' benefiċċji b'xejn ma' pubblikazzjonijiet ta' perjodiċi ma humiex elenkati fl-Anness I tad-Direttiva fost il-prattiċi meqjusa bħala żleali fi kwalunkwe ċirkustanza.

B — *Id-dritt nazzjonali*

10. L-Artikolu 9a(1) tal-liġi Awstrijaka kontra l-kompetizzjoni żleali (iktar 'il quddiem, l-"UWG") [6] huwa fformulat hekk:

"Kull min, fit-twettiq ta' attività kummerċjali kompetittiva,

1) iħabbar, f'avviżi pubbliċi jew f'komunikazzjonijiet oħrajn intiżi għal numru sostanzjali ta' persuni, li ser jagħti lill-konsumaturi benefiċċji b'xejn (premji) marbuta ma' prodotti jew servizzi, jew li joffri, iħabbar jew jagħti lill-konsumaturi benefiċċji b'xejn (premji) b'rabta ma' pubblikazzjonijiet perjodiċi jew

6 — Bundesgesetz gegen den unlauteren Wettbewerb 1984 — UWG (BGBl. 448/1984), liġi emendata bil-liġi tat-13 ta' Novembru 2007 (BGBl. I, 79/2007).

2) jipproponi, iħabbar jew jagħti lil impriżi benefiċċji b'xejn (premji) assoċjati ma' prodotti jew servizzi,

jista' jkun soġġett għal azzjoni ta' inibizzjoni jew għad-danni u l-interessi. Dan japplika wkoll meta l-fatt li dak il-benefiċċju jkun b'xejn ikun moħbi permezz ta' prezzijiet globali għal prodotti jew servizzi, prezzijiet fittizji għal premju jew bi kwalunkwe mod ieħor."

III — Fatti, proċedura fil-kawża prinċipali u domandi preliminari

11. Skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, din tal-aħħar għandha taqta' kawża bejn żewġ kompetituri fis-suq Awstrijak tal-pubblikazzjonijiet ta' kuljum li nqalgħet minn avviż tal-konvenuta fil-ġurnal tagħha dwar l-għażla tal-"futboler tas-sena". Fl-introduzzjoni tal-artiklu, stampata b'tipa skura, kien hemm miktub: "Jekk tippartečipa jaqbillek żgur: tirbaħ ikla mar-rebbieħ tal-għażla l-kbira tal-futboler tas-sena" Fuq ix-xellug tal-artiklu kien hemm "kupun tal-vot" bil-kliem "aqta' u ibgħat". Fuq il-lemin kien hemm riferiment għall-possibbiltà li wieħed jivvota bl-Internet. Dehru artikli simili matul id-disgħat ijiem ta' wara.

12. Il-qorti nazzjonali tal-ewwel istanza iddeċidiet li l-avviż kien jikkostitwixxi premju pprojbit fis-sens tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG u laqgħet it-talba ta' inibizzjoni b'digriet ta' urġenza. Min-naħa l-oħra, il-qorti tal-appell iddeċidiet li l-avviż ma kellux effett sinjifikattiv fuq is-suq, u b'hekk ir-rikorrenti ressqet talba quddiem il-qorti tar-rinviju sabiex jiġi kkonfermat mill-ġdid id-digriet mogħti b'urġenza mill-qorti nazzjonali tal-ewwel istanza. Skont l-evalwazzjoni provviżorja tal-qorti tar-rinviju, b'applikazzjoni tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, għandha tiġi milqugħa t-talba tar-rikorrenti. Madankollu, din il-qorti għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG mad-Direttiva, li tiddependi mill-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar.

13. Kien għal din ir-raġuni li l-Oberster Gerichtshof issospendiet il-proċeduri quddiemha u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja dawn id-domandi preliminari:

"1. Dispożizzjoni nazzjonali li tipprojbixxi, bl-esklużjoni ta' eċċezzjonijiet elenkati b'mod eżawrjenti, l-avviż, l-offerta jew l-għoti ta' benefiċċji mingħajr ħlas f'perjodiċi kif ukoll ir-riklamar ta' benefiċċji mingħajr ħlas assoċjati ma'

prodotti jew servizzi oħra, mingħajr l-obbligu li jiġi vverifikat każ b'każ il-karattru qarrieqi, aggressiv jew żleali ta' tali prattika kummerċjali, tikser l-Artikoli 3(1) u 5(5) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/29/KE tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") jew dispożizzjonijiet oħra tal-istess direttiva, anki meta d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni għandha bħala skop mhux biss il-ħarsien tal-konsumatur, iżda anki għanijiet oħra li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-imsemmija direttiva, bħal pereżempju, iż-żamma tal-pluraliżmu tal-istampa jew il-protezzjoni tal-kompetituri iktar dgħajfa?

2. F'każ ta' risposta fil-pożittiv għall-ewwel domanda, il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'kompetizzjoni bi premju, marbuta mal-akkwist ta' ġurnal, hija prattika kummerċjali żleali skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, minħabba l-fatt biss li din il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'logħba tirrappreżenta, għall-inqas għal parti mill-pubbliku kkonċernat, għalkemm mhux l-uniku motiv, iżda ċertament il-motiv determinanti li jwassalhom sabiex jixtru l-ġurnal?"

IV — Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

14. Id-digriet tat-18 ta' Novembru 2008 wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Diċembru 2008.

15. Il-partijiet fil-kawża prinċipali, il-Gvernijiet tar-Repubblika tal-Awstrija u tar-Renju tal-Belġju, kif ukoll il-Kummissjoni, ippreżentaw noti ta' osservazzjonijiet fit-termini previsti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

16. Waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2010, ir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawża prinċipali, l-aġenti tal-Gvern Awstrijak u dak Ġermaniż, kif ukoll il-Kummissjoni, għamlu l-interventi tagħhom.

V — Argumenti prinċipali tal-partijiet

A — *L-ewwel domanda preliminari*

17. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk dispożizzjoni tad-dritt ta' Stat Membru li fil-prinċipju tipprojbixxi l-bejgħ akkumpanjat bi premji taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29 minkejja li ma għandhiex bħala għan esklużiv il-ħarsien tal-konsumatur.

18. Ir-*rikorrenti fil-kawża prinċipali*, kif ukoll il-*Gvernijiet* tal-*Awstrija* u tal-*Belġju,* jissuġġerixxu li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta negattiva għal din id-domanda.

19. F'dan ir-rigward, huma josservaw, minn naħa waħda, li l-promozzjoni ta' bejgħ kien is-suġġett ta' proposta ta' regolament li kienet tiddisingwi b'mod ċar bejn it-trattament ġuridiku ta' tali miżuri ta' promozzjoni u l-prattiki kummerċjali żleali, li issa huma rregolati bid-Direttiva 2005/29. Madankollu, il-Kummissjoni rtirat dik il-proposta fl-2006, sena wara l-adozzjoni tad-Direttiva. Konsegwentement, ma jistax jingħad li l-promozzjoni taqa' impliċitament taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Barra minn hekk, peress li, kif turi l-premessa 6 tagħha, id-Direttiva għandha l-għan li tipproteġi direttament l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, din ma tistax tapplika għal dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża, li jsegwu għanijiet prinċipali oħrajn, jiġifieri l-protezzjoni tal-kompetituri u ż-żamma tal-pluraliżmu tal-midja u, biss indirettament, il-ħarsien tal-konsumatur.

20. Għal kull bon fini, ir-*rikorrenti fil-kawża prinċipali* u l-*Gvern Awstrijak* jiddikjaraw li, fi kwalunkwe każ, il-projbizzjoni tal-bejgħ akkumpanjat bi premji, prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, hija kompatibbli mad-Direttiva.

21. Fil-fatt, l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29 jippermetti lill-Istati Membri li jikkunsidraw bħala żleali u li b'hekk jipprojbixxu l-prattiki kummerċjali li jmorru kontra r-rekwiżiti tal-obbligu ta' diliġenza professjonali u li jistgħu jbiddlu b'mod sostanzjali l-imġiba ekonomika tal-konsumatur medju. Barra minn hekk, il-projbizzjoni inkwistjoni fformulata mill-Istat Membru tapplika biss f'każ fejn il-qorti nazzjonali tikkonstata li l-konsumatur xtara l-perjodiku għal raġunijiet esterni għall-prodott innifsu, marbuta mal-perspettiva li eventwalment igawdi minn benefiċċji addizzjonali, u inkwantu tali benefiċċji ma jaqgħux taħt l-eċċezzjonijiet imsemmija

fl-Artikolu 9a(2) tal-UWG. Minbarra dan, il-qrati nazzjonali jipproċedu għal evalwazzjoni każ b'każ.

22. Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, id-dispożizzjoni Awstrijaka hija nettament distinta mid-dispożizzjonijiet likienu s-suġġett tal-Kawżi magħquda C-261/07 (VTB-VAB) u C-299/07 (Galatea), kif ukoll il-Kawża C-304/08 (Plus Warenhandelsgesellschaft), inkwantu dawn tal-aħħar kienu jinvolvu projbizzjonijiet ġenerali u b'hekk ma kinux jieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi partikolari ta' każijiet differenti.

23. Min-naħa l-oħra, il-*konvenuta fil-kawża prinċipali* ssostni li, b'mod konformi mal-premessa 6, huma suġġetti għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29 biss dawk il-liġijiet nazzjonali li jippreġudikaw "unikament" l-interessi ekonomiċi tal-kompetituri jew li jirrigwardaw tranżazzjoni bejn kummerċjanti. B'mod ċar, dan ma huwiex il-każ tad-dispożizzjoni inkwistjoni, peress li l-għan prijoritarju u dirett tal-Artikolu 9a(1) (1) tal-UWG huwa l-ħarsien tal-konsumatur.

24. Huma barra minn hekk jikkunsidraw li l-projbizzjoni prevista minn dik id-dispożizzjoni ma hijiex kompatibbli mal-approċċ tad-Direttiva peress li, għalkemm il-promozzjoni ta' bejgħ permezz tal-għoti ta' premji ma tinsabx fil-lista ta' prattiki kummerċjali meqjusa bħala żleali f'kull ċirkustanza fl-Anness I tad-Direttiva 2005/29, hija suġġetta għall-projbizzjoni ġenerali prevista fid-dritt Awstrijak, kif ikkonstatat l-Oberster Gericht fid-digriet tar-rinviju tagħha.

25. Matul is-seduta, il-*Gvern Ġermaniż* irrefera għall-Kawża C-304/08 (Plus Warenhandelsgesellschaft) u osserva li, minkejja l-armonizzazzjoni totali prevista mid-Direttiva, il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri fir-rigward tat-traspożizzjoni jibqgħu intatti. Dan jikkonċerna b'mod partikolari t-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali ta' kunċetti li jeħtieġu li jiġu ppreċiżati, bħal dawk li jinsabu fid-definizzjonijiet legali tad-Direttiva 2005/29. Barra minn hekk il-Gvern Ġermaniż kien tal-fehma li d-Direttiva 2005/29 ma tipprekludix dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali meta dan tal-aħħar ikun isegwi għan differenti mill-imsemmija direttiva.

26. Minn naħa, il-Kummissjoni tiddefendi l-kunċett tagħha stess, minn naħa waħda, billi tispjega li d-Direttiva 2005/29 tipprojbixxi projbizzjoni ġenerali u astratta, bħal dik li tinsab fid-dispożizzjoni inkwistjoni iżda, min-naħa l-oħra, tasal għall-konklużjoni li dik id-dispożizzjoni ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, għaliex issegwi bħala prijorità għanijiet oħrajn, jiġifieri,

iż-żamma tal-pluraliżmu tal-midja, u, biss sa grad inqas, il-ħarsien tal-konsumatur, kif ukoll il-lealtà tat-tranżazzjonijiet kummerċjali.

29. Ir-*rikorrenti fil-kawża prinċipali* sempliċement tikkonstata li l-aġir ikkontestat tal-konvenuta fil-kawża prinċipali jikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali iżda ma tippreżentax provi f'dan is-sens.

B — *It-tieni domanda preliminari*

30. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li għalkemm il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'logħba-kompetizzjoni bi premju hija l-motiv determinanti li jħajjar lill-konsumatur biex jixtri l-perjodiku, din ma hijiex biżżejjed biex twassal għall-konklużjoni li teżisti prattika kummerċjali żleali fis-sens tad-Direttiva 2005/29, iżda tikkostitwixxi biss wieħed mill-elementi li l-qorti nazzjonali tista' tieħu inkunsiderazzjoni meta tevalwa l-kwistjoni f'din il-kawża.

27. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju ssaqsi jekk il-bejgħ akkumpanjat bi premji għandux jitqies bħala prattika kummerċjali żleali fis-sens tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2055/29 għas-sempliċi fatt li dik il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'logħba tirrappreżenta, għall-inqas għal parti mill-pubbliku kkonċernat, għalkemm mhux l-uniku motiv, iżda ċertament il-motiv determinanti li jwassalhom sabiex jixtru l-prodott prinċipali.

31. Min-naħa tagħha, il-konvenuta fil-kawża prinċipali tenfasizza li l-kunċett ta' prattika kummerċjali jirreferi għall-konsumatur medju, deskritt fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala "konsumatur medju, li jkun normalment informat u raġjonevolment attent u prudenti". Il-konsumatur hekk deskritt ikun konxju li, f'ekonomija ħielsa tas-suq, il-pubbliċità u l-promozzjoni jkollhom l-għan li jirbħu l-klijenti, u dan mhux biss bis-saħħa tal-prezz u l-kwalità tal-prodotti, iżda wkoll billi jwiegħduhom benefiċċji oħrajn. Din hija r-raġuni għalfejn huwa biss eċċezzjonalment li l-bejgħ akkumpanjat bi premji jista' jikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali, jiġifieri meta l-għotja ssir b'tali mod li tista' twassal lill-konsumatur biex jixtri l-prodott, mhux għal raġunijiet marbuta mal-prodott innifsu, iżda biss minħabba l-perspettiva li jinkiseb benefiċċju supplimentari.

28. Peress li kemm il-*Gvern Awstrijak* kif ukoll dak *Belġjan* taw risposta negattiva għall-ewwel domanda preliminari, huma ma ppreżentawx osservazzjonijiet fir-rigward tat-tieni waħda, waqt li r-*rikorrenti fil-kawża prinċipali*, kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw risposti għat-tnejn, għal kull bon fini.

VI — Evalwazzjoni ġuridika

A — *Osservazzjonijiet preliminari*

32. Din il-kawża hija diġà t-tielet waħda f'serje ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari, li permezz tagħhom il-qrati nazzjonali jitolbu kjarifiki lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar sa liema grad il-projbizzjonijiet ta' offerti konġunti stabbiliti mill-Istati Membri jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mad-dritt Komunitarju fl-istat ta' żvilupp attwali tiegħu. Din id-domanda hija iktar u iktar rilevanti peress li d-Direttiva 2005/29, li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fil-11 ta' Mejju 2005, għandha l-għan li toħloq kuntest ġuridiku wieħed għar-regolamentazzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali.

33. Minħabba l-għan ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-liġijiet fil-qasam tal-prattiki kummerċjali żleali bejn impriżi u konsumaturi [7] fl-Istati Membri tal-Komunità, din il-kwistjoni tirrigwarda mhux biss id-dispożizzjonijiet il-ġodda li l-Istati Membri daħħlu biex jittrasponu d-Direttiva iżda wkoll dawk li, bħad-dispożizzjoni kkontestata tal-Artikolu 9a(1) tal-UWG, kienu diġà fis-seħħ qabel l-adozzjoni tad-Direttiva, iżda li l-Istat Membru inkwistjoni jikkunsidra li għandhom funzjoni ta' traspożizzjoni.

34. Minħabba li f'każ ta' armonizzazzjoni sħiħa, il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri għall-finijiet ta' traspożizzjoni huma stretti ħafna, ġuridikament, iż-żamma tad-dispożizzjonijiet preċedenti mhux dejjem tkun mingħajr problemi. Effettivament, għalkemm dawk id-dispożizzjonijiet fl-aħħar mill-aħħar jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva kkonċernata, spiss ma jkunux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet ta' din id-direttiva. Kif jirriżulta mill-kawżi VTB u Galtea, kif ukoll Plus Warenhandelsgesellschaft, dan huwa dak li seħħ fil-Belġju [8] u fil-Ġermanja [9] matul it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/29.

7 — Ara s-sentenzi tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 52) u tal-14 ta' Jannar 2010, Plus Warenhandelsgesellschaft (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 41).
F'każ ta' armonizzazzjoni usa' tad-dritt tal-prattiki kummerċjali żleali u tad-dritt tal-kuntratti fl-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll b'mod adegwat ir-rekwiżiti tad-"Draft Common Frame of Reference" (DCFR), peress li wieħed mill-aspetti essenzjali ta' dan tal-aħħar huwa l-ħarsien tal-konsumatur, li jimponi, pereżempju, obbligi fuq il-kummerċjant fir-rigward tal-konsumatur biex jipprovdi informazzjoni partikolari dwar il-karatteristiċi partikolari ta' prodotti u servizzi mixtrija (ara pereżempju II.-3:102 DCFR). Dawn il-"prattiċi tajbin kummerċjali" huma opposti, sa ċertu grad, għall-"prattiċi kummerċjali pprojbiti" msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2005/29.

8 — Dawn huma l-Artikoli 54 *et seq* tal-liġi Belġjana tal-14 ta' Lulju 1991, dwar il-prattiċi kummerċjali u dwar l-informazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur.

9 — Dawn kienu l-Artikoli 3 u 4(6) tal-liġi Ġermaniża kontra l-kompetizzjoni żleali — (Gesetz gegen den unlauteren Wettbwerb, UWG, BGBl. I p. 1414), emendata l-aħħar mill-Artikolu 1 tal-ewwel liġi ta' emenda (erster Änderungsgesetz) tat-22 ta' Diċembru 2008 BGBl. I, p. 2949)

35. Skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2005/29, din daħlet fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jiġifieri fit-12 ta' Ġunju 2005. Skont l-Artikolu 19(1), l-Istati Membri kienu marbuta li jittrasponuha fid-dritt nazzjonali, billi jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sa mhux iktar tard mit-12 ta' Ġunju 2007, iżda bil-possibbiltà li, għal perijodu tranżitorju ta' sitt snin oħra, ikomplu japplikaw ċerti dispożizzjonijiet nazzjonali iktar restrittivi. Min-naħa l-oħra, dawn l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kellhom jiġu applikati biss mit-12 ta' Diċembru 2007.

36. Ir-Repubblika tal-Awstrija wettqet formalment dan l-obbligu ta' traspożizzjoni billi adottat il-liġi li temenda l-Bundesgesetz gegen den unlauteren Wettbewerb 1984, l-UWG (UWG-Novelle 2007, liġi tal-2007 li temenda l-UWG) li daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2007 [10]. Madankollu, kif diġà indikajt, id-dispożizzjoni kkontestata tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG ma ddaħħlitx bi traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/29 iżda toriġina minn leġiżlazzjoni nazzjonali preċedenti [11]. Fid-digriet tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar il-kompatibbiltà ta' dik id-dispożizzjoni mad-dritt Komunitarju [12].

10 — BGBl. I Nru 79/2007.

11 — Il-projbizzjoni tal-premji prevista fl-Artikolu 9a tal-UWG, li oriġinarjament kienet irregolata mill-Prämiengesetz tal-20 ta' Lulju 1929 (BGBl. 227) u sussegwentement miz-Zugabengesetz 1934, ġiet integrata fl-UWG mill-Wettbewerbs-Deregulierungsgesetz 1992 (BGBl. 147/1992). Ara, fir-rigward tal-oriġini ta' din id-dispożizzjoni, D. Duursma f': *UWG — Kommentar* (edizzjoni ta' M. Gumpoldsberger u P. Baumann), Vjenna 2006, Artikolu 9a(1) p. 276 u L. Wiltschek, *UWG — Kommentar*, it-tieni edizzjoni, Vjenna 2007, Artikolu 9a, p. 44.

12 — Ara b'mod partikolari p. 9 u 10 tad-digriet tar-rinviju.

B — *L-ewwel domanda preliminari*

37. Fuq bażi preliminari, għandu jiġi mfakkar li fil-kuntest ta' proċedura mressqa abbażi tal-Artikolu 234 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex kompetenza biex tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' miżura nazzjonali mad-dritt Komunitarju. Hija madankollu tista' tipprovdi lill-qorti nazzjonali bl-elementi ta' interpretazzjoni kollha tad-dritt Komunitarju li jistgħu jgħinuha tevalwa din il-kompatibbiltà biex tkun tista' tagħti deċiżjoni dwar il-kawża li jkollha quddiemha [13].

38. L-ewwel domanda preliminari għandha l-għan li tikkonstata jekk id-Direttiva 2005/29 tipprekludix dispożizzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG. Għal dan il-għan, l-ewwel nett għandu jiġi vverifikat jekk tali dispożizzjoni, meta titqies il-materja li tirregola, taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* u *ratione personae* tad-Direttiva 2005/29. Sussegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk l-imsemmija direttiva għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-effetti ġuridiċi tal-ksur ta' dik id-dispożizzjoni, previsti mid-dritt Awstrijak, jaqgħux ukoll taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

13 — Ara s-sentenzi tal-15 ta' Lulju 1964, Costa (6/64, Ġabra p. 1141); tad-29 ta' Novembru 2001, De Coster (C-17/00, Ġabra p. I-9445, punt 23); u tas-16 ta' Jannar 2003, Pansard *et* (C-265/01, Ġabra p. I-683, punt 18).

1. Il-kunċett ta' "prattiċi kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2005/29

39. Skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG jipprojbixxi li l-impriżi joffru lill-konsumaturi benefiċċji b'xejn ma' prodotti jew servizzi. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li teżisti projbizzjoni ta' offerti konġunti.

40. Barra minn hekk, dik il-projbizzjoni għandha tkopri wkoll il-prattiki kummerċjali fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2005/29. Dik id-dispożizzjonijiet tiddefinixxi l-kunċett ta' prattika kummerċjali billi tirrikorri għal formulazzjoni partikolarment wiesgħa [14], jiġifieri "kwalunkwe att, ommissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inluži reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta' xi prodott lil konsumaturi".

41. Kif spjegajt b'mod dettaljat fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda C-261/07 (VTB-VAB) u C-299/07 (Galatea) [15] u kif ikkonfermat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza li hija tat f'dawk il-kawżi [16], l-offerti konġunti jikkostitwixxu atti kummerċjali li jaqgħu b'mod ċar fil-kuntest tal-istrateġija kummerċjali ta' operatur u huma intiżi direttament għall-promozzjoni u għall-iżvilupp tal-bejgħ tiegħu. Minn dan isegwi li dawn jikkostitwixxu prattiki kummerċjali fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2005/29 u, konsegwentement, il-projbizzjoni ta' offerti konġunti prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħha [17].

2. Il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2005/29

42. Biex taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, l-għan tad-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali kkontestata tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG għandu jkun il-ħarsien tal-konsumatur, bl-istess mod bħad-Direttiva.

14 — Ara s-sentenzi tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 49) u tal-14 ta' Jannar 2010, Plus Warenhandelsgesellschaft (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punti 36 u 39). Ara B. Keirsbilck, "Towards a single regulatory framework of unfair commercial practices?", *European business law review*, 4/2009, p. 505, li jikkunsidra li d-Direttiva 2005/29 hija kkaratterizzata mill-kamp ta' applikazzjoni wiesgħa ħafna tagħha.

15 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-kawżi VTB-VAB u Galatea (sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 68 sa 70).

16 — Sentenza VTB-VAB (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 48 u 50). Ara, fir-rigward ta' kampanja publiċitarja li tissuġġetta l-parteċipazzjoni b'xejn f'lotterija max-xiri jew l-użu ta' ċerta kwantità ta' prodotti jew servizzi, is-sentenza Plus Warenhandelsgesellschaft (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 37).

17 — F'dan is-sens ukoll, ara R. Heidinger, "Zugabenverbot, quo vadis?", *Medien und Recht*, 1/2009, p. 45, li jikkunsidra li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 9a tal-UWG taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29 peress li l-projbizzjoni formulata minnha għandha tiġi kkwalifikata bħala regolamentazzjoni ta' prattiki żleali fir-rigward tal-konsumaturi.

a) Il-qasam kopert mid-Direttiva 2005/29

43. Bħala prinċipju, id-Direttiva tkopri biss il-qasam ta' B2C "business to consumer", jiġifieri r-relazzjoni bejn kummerċjanti u konsumaturi. Dan jirriżulta parzjalment mill-Artikolu 3(1) li jipprovdi li din id-direttiva tapplika għall-prattiki kummerċjali żleali fin-negozju *fil-konfront tal-konsumaturi* qabel, matul u wara transazzjoni kummerċjali dwar prodott. Din il-konnessjoni hija enfasizzata b'mod partikolari fil-premessa 8, li tistipula li d-Direttiva tipproteġi direttament biss *l-interessi leġittimi tal-konsumaturi* kontra prattiki kummerċjali żleali fin-negozju fil-konfront tagħhom [18].

44. Madankollu, jidhirli li jkun żbaljat jekk wieħed jippreżumi li, konsegwentement, id-Direttiva tikkunsidra li l-interessi ekonomiċi ta' kompetituri regolari jixirqilhom inqas protezzjoni [19]. Issollevajt din l-osservazzjoni l-aħħar fil-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Settembru 2009 fil-kawża C-308/08 (Plus Warenhandelsgesellschaft) dwar argument f'dan is-sens tal-Gvern Awstrijak [20]. Effettivament, kif jirriżulta b'mod ċar mill-premessa 8, id-Direttiva tipproteġi *wkoll b'mod indirett lill-impriżi leġittimi mill-kompetituri tagħhom* li ma jimxux mar-regoli ta' din id-direttiva. L-espressjoni regolatorja tinsab fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva, li minnu jirriżulta l-obbligu tal-Istati Membri li jagħtu, ukoll lill-kompetituri, mezzi ta' azzjoni kontra l-imġiba inkompatibbli mad-Direttiva, b'mod li dawn jistgħu jaġixxu ġudizzjarjament kontra prattiki kummerċjali żleali.

45. Id-dikjarazzjoni tal-premessa 16 hija determinanti, inkwantu tindika li d-Direttiva 2005/29 għandha l-għan li

18 — F'dan is-sens ara wkoll T. Hoeren, "Das neue UWG — Der Regierungsentwurf im Überblick", *Betriebs-Berater*, 2008, p. 1183; J. Stuyck, "The Unfair Commercial Practices Directive and its Consequences for the Regulation of Sales Promotion and the Law of Unfair Competition", *The regulation of unfair commercial practices under EC Directive 2005/29 — New rules and new techniques*, Norfolk 2007, p. 166.

19 — F'dan is-sens ara wkoll, H.-G. Koppensteiner, "Grundfragen des UWG im Lichte der Richtlinie über unlautere Geschäftspraktiken", Wirtschaftsrechtliche Blätter, 2006, Heft 12, p. 558, li jikkunsidra li jkun żbaljat jekk jitqies li d-direttiva ma hijiex rilevanti għar-relazzjonijiet bejn impriżi. L-awtur jibbaża l-argument tiegħu kemm fuq il-premessa 16 kif ukoll fuq il-premessa 18, li minnhom jirriżulta li l-interessi ekonomiċi tal-kompetituri leġittimi huma protetti indirettament, kif ukoll fuq l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2005/29, li jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jagħtu, ukoll lill-kompetituri, mezzi ta' azzjoni kontra l-aġir inkompatibbli mad-direttiva. L-istess awtur, f'"Das UWG nach der Novelle 2007", *Die Europäisierung des Kartell- und Lauterbarkeitsrechts*, Tübingen 2009, p. 86, nota 8, josserva li l-kompetituri huma protetti wkoll indirettament mid-Direttiva.

20 — Ara l-punti 35 u 64 tal-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Settembru 2009 fil-Kawża C-304/08 (Plus Warenhandelsgesellschaft).

tapprossima l-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prattiki kummerċjali żleali li jippreġudikaw *direttament* l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi u, konsegwentement, *indirettament* l-interessi ekonomiċi tal-kompetituri leġittimi. B'dan il-mod, id-Direttiva tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li ma huwiex dejjem possibbli li ssir distinzjoni ċara bejn konsumaturi u kompetituri peress li dawn iż-żewġ kategoriji spiss jidħlu f'xulxin [21]. Għadd kbir ta' prattiki kummerċjali ta' impriżi jaffettwaw kemm l-interessi tal-konsumaturi kif ukoll dawk tal-kompetituri. Konxju minn din ir-rabta stretta, il-leġiżlatur Komunitarju ddeċieda li jieħu inkunsiderazzjoni l-interessi ta' ħarsien tal-konsumaturi f'pożizzjoni li fil-fatt taqa' taħt il-politika tal-kompetizzjoni, bħal dik tad-Direttiva 2005/29 [22]. Ma hemm ebda kontradizzjoni sistematika bejn l-għan tal-politika tal-kompetizzjoni tad-Direttiva, li jimmira lejn il-funzjonament tas-suq intern, u l-għan regolatorju ta' protezzjoni, li jimmira lejn l-interessi standardizzati tal-konsumatur Ewropew [23]. B'hekk, l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva li jippreskrivi l-għoti ta' dritt

21 — V. Marsland, "Unfair Commercial Practices: Stamping out Misleading Packaging", *The regulation of unfair commercial practices under EC Directive 2005/29 — New rules and new techniques*, Norfolk 2007, p. 194, josserva ġustament li, għalkemm hija orjentata lejn il-ħarsien tal-konsumatur, id-Direttiva 2005/29 tirrikonoxxi li l-interessi tal-konsumaturi u tal-kompetituri jikkoinċidu fil-qasam tal-prattiki kummerċjali żleali u li huwa fl-interess komuni tagħhom li l-kummerċjanti kollha jirrispettaw ir-regoli. E. Büllesbach, *Auslegung der irreführenden Geschäftspraktiken des Anhangs I der Richtlinie 2005/207EG über unlautere Geschäftspraktiken,* Munich 2008, p. 16, josserva li numru kbir ta' prattiki kummerċjali ta' impriżi jikkonċernaw kemm l-interessi tal-konsumaturi kif ukoll dawk tal-kompetituri. Din hija r-raġuni għalfejn biex jinkisbu riżultati ġusti matul l-evalwazzjoni tan-natura żleali tal-prattiki kummerċjali, jeħtieġ li jiġi adottat approċċ multi-dimensjonali li jikkunsidra bl-istess mod l-interessi tal-persuni kollha kkonċernati. B'hekk, l-eżempju tal-pubbliċità qarrieqa juri sew li, bħala regola ġenerali, il-protezzjoni tal-kompetituri u dik tal-konsumaturi jikkostitwixxu ż-"żewġ naħat tal-istess munita" peress li dik il-pubbliċità ma taffettwax biss l-interessi tal-konsumatur, iżda wkoll tal-kompetituri, billi tikkomprometti l-opportunitajiet kummerċjali tagħhom. L-istess jgħodd għall-pubbliċità dispreġjattiva li, minn naħa waħda, tagħmel ħsara lil dawk li jiġu kkritikati inġustament, u, min-naħa l-oħra, tfixkel il-bażi tad-deċiżjoni tal-konsumatur li ma jkunx informat sew. E. Bargelli, "L'àmbito di applizione della direttiva 2005/29/CE: La nozione di pratica commerciale", *Le pratiche commerciali sleali tra imprese e consumatori*, Torino 2007, p. 80, jirreferi għad-diffikultà biex jiġu mifruda l-interessi tal-konsumaturi minn dawk tal-kompetituri. Skont W. Schuhmacher, "The Unfair Commercial Practices Directive", *Law Against Unfaire Competition — Towards a New Paradigm in Europe* (ippubblikat minn R.M. Hilty u F. Henning-Bodewig), Berlin/Heidelberg 2007, p. 132, id-Direttiva turi b'mod ċar li fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni jeżistu każijiet fejn huwa impossibbli li tiġi sseparata l-protezzjoni tal-kompetituri minn dik tal-konsumaturi.

22 — H. Gamerith, "Richtlinie über unlautere Geschäftspraktiken: bisherige rechtspolitische Überlegungen zu einer Neugestaltung des österreichischen UWG", *Lauterkeitsrecht im Umbruch*, 2005, p. 157, jikkunsidra wkoll li d-Direttiva 2005/29 fil-verità ma stabbilixxitx delimitazzjoni bejn l-interessi tal-konsumaturi u dawk tal-kompetituri fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u li din pjuttost tikkostitwixxi sistema "B2B + B2C inkompleta", li timmilita favur traspożizzjoni permezz tal-UWG Awstrijaka.

23 — F'dan is-sens ara wkoll, J. Kessler. "Lauterkeitsschutz und Wettbewerbsordnung — Zur Umsetzung der Richtlinie 2005/29/EG über unlautere Geschaäftspraktiken in Deutschland und Österreich", *Wettbewerb in Recht und Praxis*, 2007, numru 7, p. 116. Ara wkoll V. Falce, / G.Ghidini, "The new regime on unfair commmercial practices at the intersection of consumer protection", *Antitrust between EC law and national law*, 2009, p. 374, li jispjegaw li, fid-Direttiva 2005/29, il-leġiżlatur Komunitarju jikkunsidra li kompetizzjoni ħielsa fis-suq intern biss tippermetti li tiġi ggarantita l-libertà ta' deċiżjoni tal-konsumaturi.

ta' rikors, li jippermetti lill-kompetituri kkonċernati jressqu azzjoni ta' inibizzjoni kontra kompetituri oħrajn li jaġixxu b'mod żleali, jista' jkun ta' benefiċċju kbir għall-ħarsien tal-konsumatur [24].

46. Madankollu, sabiex tiddelimita aħjar il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, id-Direttiva tiddistingwi b'mod ċar bejn, minn naħa waħda, il-prattiki kummerċjali li jagħmlu ħsara kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-kompetituri, kif ukoll, min-naħa l-oħra, dawk li jistgħu jippreġudikaw biss l-interessi ta' wieħed miż-żewġ gruppi. B'hekk, il-premessa 8 tindika li huwa mifhum li hemm prattiki kummerċjali oħrajn li, għalkemm ma jagħmlux ħsara lill-konsumatur, jistgħu jagħmlu ħsara lil kompetituri u klijenti kummerċjali.

47. Kif ikkonstatat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2010 fil-kawża Plus Warenhandelsgesellschaft, dan it-tieni każ ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29 [25], għaliex jirriżulta mill-premessa 6 ta' din tal-aħħar li la tkopri u lanqas taffetttwa l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar il-prattiki kummerċjali żleali li jippreġudikaw *biss* l-interessi ekonomiċi tal-kompetituri jew li jikkonċernaw tranżazzjoni bejn kummerċjanti. Il-kelma "biss" ġeneralment tfisser l-esklużività, kif jirriżulta wkoll minn paragun bejn xi verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva 2005/29 [26]. Din hija r-raġuni għalfejn il-premessa 6 tindika wkoll

24 — F'dan is-sens ara wkoll, H. Gamerith, iċċitat iktar 'il fuq (nota 22), p. 157, li jikkunsidra li l-azzjonijiet ta' inibizzjoni tal-kompetituri kkonċernati kontra kompetituri oħrajn li jaġixxu b'mod żleali jsaħħu l-protezzjoni tal-konsumaturi peress li dawn huma projbizzjonijiet kontra kull influwenza żleali fuq il-libertà ta' deċiżjoni tal-konsumatur permezz ta' qerq, element ta' sorpriża, tentazzjoni, pressjoni, eċċ.

25 — Ara s-sentenza Plus Warenhandlesgesellschaft (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 39). Ara H.-W. Micklitz, "Full Harmonization of Unfair Commercial Practices under Directive 2005/29", *International Review of Intellectual Property and Competition Law*, 2009, numru 4, p. 373, li jikkunsidra li d-Direttiva 2009/25 hija applikabbli għal relazzjonijiet ta' B2B, meta jkunu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet: il-politika kummerċjali inkwistjoni taffettwa direttament l-interessi tal-konsumaturi u indirettament l-interessi tal-kompetituri. L-awtur jibża' li tali limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tista' tiftaħ it-triq għal strateġiji ta' difiża ġodda. B'hekk, l-impriżi jista' jkollhom it-tentazzjoni li jasserixxu li l-prattiki kummerċjali tagħhom jaffettwaw biss ir-relazzjonijiet ta' B2B.

26 — Ġermaniż: "lediglich"; Daniż: "udeluklkende"; Ingliż: "only"; Franċiż; "uniquement"; Taljan: "unicamente"; Olandiż: "alleen"; Portugiż: "apenas"; Sloven: "samo"; Spanjol: "solo".

li sabiex jiġi kkunsidrat bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri jżommu, jekk ikunu jixtiequ, il-fakultà li jirregolaw il-prattiċi msemmija, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

leġiżlattiv ieħor li jmur lil hinn mill-għan tad-Direttiva ta' ħarsien tal-konsumatur.

b) L-għan ta' protezzjoni tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG

49. Effettivament, minbarra l-ħarsien tal-konsumatur, il-projbizzjoni tirrigwarda kemm il-ħarsien tal-kompetizzjoni kif ukoll il-protezzjoni tal-pluraliżmu tal-midja. Permezz tal-projbizzjoni ta' taqtigħa bejn il-kompetituri fil-forma ta' minn joffri l-iktar benefiċċji żejda, qabel kollox tingħata protezzjoni lill-kompetituri li, minħabba li jkollhom inqas mezzi finanzjarji, ma jkunux f'pożizzjoni li jippromwovu l-bejgħ tagħhom billi joffru benefiċċji b'xejn. Dik il-protezzjoni hija ġġustifikata minħabba l-importanza tal-funzjoni tal-formazzjoni ta' opinjoni li għandhom il-mezzi tal-midja f'soċjetà demokratika. Il-Gvern Awstrijak kien diġà qajjem dan l-argument fil-kawża C-368/95, Familiapress [29] li kienet tirrigwarda l-kompatibbiltà ta' dik il-projbizzjoni mal-moviment liberu tal-merkanzija u l-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma kienet ikkontestat li huwa għan leġittimu tal-leġiżlatur, li fil-prinċipju huwa ta' tali natura li jiġġustifika limitazzjoni ta' dik il-libertà fundamentali.

i) Importanzi rispettivi differenti tad-drittijiet protetti

48. Għaldaqstant, wieħed għandu jsaqsi jekk il-projbizzjoni ta' offerti konġunti li tinsab fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, li jinsab inkwistjoni f'din il-kawża, hijiex dispożizzjoni intiża biex tipprojbixxi prattika kummerċjali li tagħmel ħsara *biss* lill-interessi ekonomiċi tal-kompetituri. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju [27] u l-Gvern Awstrijak [28] josservaw li l-projbizzjoni ta' offerti konġunti prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, li jinsab inkwistjoni f'din il-kawża, isegwi għan

50. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li hemm diverġenza fl-evalwazzjonijiet tal-importanza rispettiva tad-diversi drittijiet protetti mill-UWG.

27 — Ara p. 10 sa 12 tad-digriet tar-rinviju.

28 — Ara p. 4 u 5 tal-osservazzjonijiet tal-gvern Awstrijak.

29 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ġunju 1997, Familiapress (C-368/95, Ġabra p. I-3689).

51. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, l-Artikolu 9(1)(1) tal-UWG probabbilment ma kienx intiż mil-leġiżlatur prinċipalment bil-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur, iżda sabiex jiġu żgurati "ta' mill-inqas ugwalment" kemm il-protezzjoni tal-konsumatur kif ukoll iż-żamma ta' kompetizzjoni effikaċi [30]. Dan, min-naħa l-oħra, huwa kkontestat espliċitament mill-Gvern Awstrijak li jsostni li l-projbizzjoni tal-offerti konġunti kienet "fl-ewwel lok" intiża biex tipproteġi l-kompetizzjoni fis-settur tal-midja [31], iżda li ma jippreżentax provi konvinċenti insostenn ta' dan l-argument, b'mod partikolari peress li fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-offerta konġunta ta' perjodiku ma' logħba/kompetizzjoni bi premju, huwa f'diversi okkażjonijiet iwissi dwar ir-riskju li tiġi eżerċitata influwenza illeġittima fuq il-konsumatur billi jiġi sfruttat il-vizzju tiegħu tal-logħob [32]. Fil-fehma tiegħi, mhemm kważi ebda riskju li t-tħassib li jesprimi l-Gvern Awstrijak huwa marbut qabel kollox mal-ħarsien tal-konsumatur.

52. Fid-dawl ta' dawn id-dikjarazzjonijiet diverġenti dwar l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, għadhom isiru l-osservazzjonijiet segwenti.

53. Minn naħa waħda, għandu jiġi mfakkar li l-proċedura skont l-Artikolu 234 KE hija bbażata fuq kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali li fil-kuntest tagħha ma huwiex fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali u li tiddeċiedi jekk l-interpretazzjoni mogħtija mill-qorti tar-rinviju hijiex korretta [33]. Effettivament, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-qrati Komunitarji u nazzjonali, il-kuntest fattwali u regolatorju li fih issir id-domanda preliminari, kif iddefinit fid-deċiżjoni ta' rinviju [34].

54. Min-naħa l-oħra, din l-evalwazzjoni differenti dwar il-merti fl-aħħar mill-aħħar ma hijiex importanti, għaliex fi kwalunkwe każ, ħadd ma jikkontesta li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG ma għandhiex l-għan li tipprojbixxi l-prattiki kummerċjali żleali li, fis-sens tal-premessa 6 tad-Direttiva 2005/29, jippreġudikaw *biss* l-interessi ekonomiċi tal-kompetituri jew li jirrigwardaw tranżazzjoni bejn kummerċjanti. Għall-kuntrarju, huwa mifhum li, meta jitqies

30 — Ara p. 10 sa 12 tad-digriet tar-rinviju.

31 — Ara l-punt 11, p. 4, tal-osservazzjonijiet tal-gvern Awstrijak.

32 — F'dan ir-rigward, hemm xebh bejn l-argument tal-gvern Ġermaniż fil-Kawża C-304/08 (Plus Warenhandelsgesellschaft) li kienet tirrigwarda l-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni nazzjonali (l-Artikolu 4(6) tal-UWG Ġermaniż) li tipprojbixxi l-offerti konġunti ma' kompetizzjonijiet jew logħob bi premji. Din il-projbizzjoni kienet ibbażata speċjalment fuq kunsiderazzjonijiet ta' ħarsien tal-konsumatur. Fir-rigward tal-argument tal-gvern Ġermaniż f'din il-kawża, ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Settembru 2009 f'din il-kawża, b'mod partikolari l-punti 93 u 107.

33 — Ara f'dan is-sens is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Corsten (C-58/98, Ġabra p. I-7919, punt 24); u tad-29 ta' April 2004, Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, Ġabra p. I-5257, punt 42).

34 — Ara s-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2001, Ambulanz Glöckner (C-475/99, Ġabra p. I-8089, punt 10); tat-13 ta' Novembru 2003, Neri (C-153/02, Ġabra p. I-13555, punti 34 u 35); Orfanopoulos u Oliveri (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 33, punt 42); u tal-21 ta' April 2005, Lindberg (C-267/03, Ġabra p. I-3247, punti 41 u 42).

l-għan tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, dan jipprojbixxi l-prattiki kummerċjali żleali li dejjem jipproduċu l-effetti tagħhom fil-qasam tal-B2B. Għaldaqstant, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG ukoll tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u ma huwiex wisq rilevanti f'dan ir-rigward jekk dik il-projbizzjoni tal-offerti konġunti tirrigwardax fl-ewwel lok il-protezzjoni ta' dritt partikolari, l-interessi tal-konsumaturi, tal-kompetituri jew tal-pubbliku, pereżempju ż-żamma tal-pluraliżmu tal-midja. Din hija r-raġuni għalfejn, minn perspettiva ġuridika, ma huwiex wisq rilevanti jekk il-miżura nazzjonali inkwistjoni ssegwix barra minn hekk l-għan li jinżamm il-pluraliżmu tal-midja, u sa liema grad.

ii) Eżami tad-dispożizzjonijiet u tal-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti.

55. Waqt li nikkunsidra l-ħtieġa li tingħata risposta utli għad-domandi tal-qorti tar-rinviju [35], u biex nissodisfa l-obbligu li għandhom l-avukati ġenerali skont l-Artikolu 222 KE, li jippreżentaw konklużjonijiet b'mod għalkollox imparzjali u indipendenti [36], nosserva għal kull bon fini li eżami tal-miżuri inkwistjoni, inkluż tal-ħidmiet preparatorji tal-UWG, juri li l-leġiżlatur Awstrijak mingħajr dubju kien ikkonċernat kemm mill-ħarsien tal-konsumatur kif ukoll mill-protezzjoni tal-kompetituri. B'hekk, mill-ispjegazzjonijiet tal-proposta ta' UWG-Novelle 2007 tal-gvern [37] jirriżulta li, essenzjalment, l-UWG ma tirregolax il-qasam tal-B2B b'mod differenti minn dak tal-B2C, għaliex, għal-leġiżlatur Awstrijak, "ma huwiex possibbli li wieħed

35 — Fis-sentenza tat-12 ta' Lulju 1979, Union laitière normande (244/78, Ġabra p. 2663, punt 5), il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li għalkemm l-Artikolu 234 KE ma jippermettix li jiġu evalwati l-motivi tat-talba tar-rinviju, il-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni utli tad-dritt Komunitarju madankollu teħtieġ li jiġi ddefinit il-kuntest ġuridiku li fih għandha tkun inkwadrata l-interpretazzjoni mitluba. Skont K. Lenaerts, /A. Arts/I. Maselis, *Procedural Law of the European Union*, it-2 edizzjoni, p. 188, punt 6-021, xejn ma jżomm lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tindika l-mod kif hija tifhem il-fatti fil-kawża prinċipali u ċerti aspetti tad-dritt nazzjonali bħala punt ta' tluq għal interpretazzjoni utli tad-dispożizzjonijiet u l-prinċipji applikabbli tad-dritt Komunitarju.

36 — L-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer, "La función del Abogado del Tribunal de Justicia de las Comunidades Europeas", *Problèmes d'interprétation*, Brussell 2004, p. 334 *et seq*, jikkunsidra li l-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali għandhom iservu bħala bażi għad-deliberazzjonijiet. Dawn għandhom ġeneralment jagħtu risposta għall-kwistjonijiet kollha tad-dritt li jinqalgħu fil-kuntest ta' kawża billi jeżaminaw fid-dettall il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-Avukat Ġenerali jenfasizza wkoll l-importanza dejjem akbar tal-prinċipji legali fl-eżami ta' dawk il-kwistjonijiet.

37 — Fl-"Erläuterungen zur Regierungsvorlage für ein Bundesgesetz, mit dem das Bundesgesetz gegen den unlauteren Wettbewerb 1984 — UWG geändert wird (UWG-Novelle 2007)" li ġew ippubblikati fir-rivista *Recht und Wettbewerb*, it-53 sena, Nru 170, Diċembru 2007, p. 13, huwa indikat: "Bl-istess mod bħal fil-UWG attwalment fis-seħħ, essenzjalment, l-abbozz ta' liġi ma jirregolax il-qasam tal-B2B b'mod differenti minn dak tal-B2C, għaliex ma huwiex possibbli li jiġu sseparati l-ħarsien tal-kompetituri u l-ħarsien tal-konsumatur."

jissepara" il-protezzjoni tal-kompetituri u l-ħarsien tal-konsumatur.

56. Dan jikkorrispondi mal-opinjoni dominanti fid-duttrina li tikkunsidra, b'mod partikolari minħabba dan, li l-UWG tipproteġi kemm l-interessi tal-konsumaturi kif ukoll dawk tal-kompetituri u tal-pubbliku u titkellem dwar "għan triplu ta' protezzjoni" [38]. L-istess jgħodd għad-dispożizzjoni tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, li tinsab inkwistjoni f'din il-kawża, li n-natura tagħha ta' protezzjoni għall-konsumaturi ma hijiex ikkontestata mid-duttrina ġuridika [39].

57. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, anki skont il-ġurisprudenza tal-Oberster Gerichtshof [40], li xi kultant tirreferi għall-opinjonijiet sostnuti mid-duttrina, l-għan tal-projbizzjoni tar-premji previst fl-Artikolu 9a(1) tal-UWG, jinsab b'mod speċjali fil-ħarsien tal-konsumatur. Hija tikkunsidra li l-ġudizzju tal-konsumaturi ma għandux

38 — Skont M. Prunbauer, "Kommentar zum Vorschlag für eine EU-Richtlinie über unlautere Geschäftspraktiken im binnenmarkt-internen Geschäftsverkehr zwischen Unternehmen und Verbrauchern — ein missglückter Ansatz der Harmonisierung des Lauterkeitsrecht in der EU" *Recht und Wettbewerb*, id-49 sena, Nru 161, Settembru 2003, p. 3, l-UWG fil-prinċipju ma tikkonċernax biss l-aspetti ta' ħarsien tal-konsumatur fid-dritt tal-kompetizzjoni, iżda wkoll dawk tal-ħarsien tal-kompetituri u tal-pubbliku. Ikun impossibbli li azzjoni pubblikitarja tiġi kkunsidrata jew iġġudikata biss mill-perspettiva tal-konsumatur. Il-ħarsien tal-kompetituri u tal-interessi tal-pubbliku fil-funzjonament tajjeb tal-kompetizzjoni sservi wkoll, anki jekk biss indirettament, biex jiġi protett il-konsumatur, għaliex din tiżgura l-effettività tal-kompetizzjoni fl-interess tal-konsumatur. L-awtur jiddeduċi minn dan li ma huwiex possibbli li ssir distinzjoni stretta bejn "kompetizzjoni li tirrigwarda lill-konsumaturi" u "kompetizzjoni li tirrigwarda lill-impriżi", la fil-ħajja ekonomika reali u lanqas mill-perspettiva tal-prinċpji legali. Skont A. Wiebe, "Umsetzung der Geschäftspraktikenrichtlinie und Perspektiven für eine UWG-Reform", *Juristische Blätter*, il-129 sena, numru 2, Frar 2007, p. 71, fl-Awstrija u fil-Ġermanja, għal żmien twil ma huwiex ikkontestat li l-UWG isservi biex tipproteġi lill-kompetituri, il-konsumaturi u l-interessi tal-pubbliku, kif jindika espliċitament l-Artikolu 1 tal-UWG Ġermaniża ġdida. Il-fatt li dawn l-għanijiet ta' protezzjoni huma interkonnessi daqstant mill-qrib jagħmilha impossibbli li ssir separazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-operazzjonijiet ta' B2B u B2C. Fl-istess sens, E. Büllesbach, iċċitat iktar 'il fuq (nota ta' qliegħ il-paġna 21), p. 15, jagħmel riferiment għall-għan triplu ta' protezzjoni (tal-konsumaturi, tal-kompetituri u tal-pubbliku) li fuqu huma bbażati d-dritt Ġermaniż u dak Awstrijak tal-kompetizzjoni żleali. H. Lettner, "Die Umsetzung der EU-Richtlinie über unlautere Geschäftspraktiken — Eine bilanz des UWG-Neu in österreich und Deutschland", *European Law Reporter*, 2009, Nru 9, p. 313, josserva wkoll li l-UWG Awstrijaka kellha għan ġenerali ta' protezzjoni tal-interessi tal-impriżi, tal-pubbliku u tal-konsumaturi.

39 — B'ħekk, D. Duursma-Kepplinger, iċċitat iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 11), josserva li l-Artikolu 9a tal-UWG iservi wkoll għall-ħarsien tal-konsumatur (paragrafu 16, punt 24, p. 808). L-għan tal-limitazzjoni leġiżlattiva tal-premji huwa b'mod partikolari li jiġu mħarsa x-xerrejja kontra l-pubblikità suġġettiva u qarrieqa u sabiex tiġi evitata taqtigħa bejn il-kompetituri dwar min joffri l-iktar benefiċċji relatati (addizzjonali) (Artikolu 9a, punt 2, p. 276). L-awtur jikkunsidra li l-għan proprju tal-UWG huwa li tiġi offruta protezzjoni preventiva tal-interessi ġenerali tal-konsumaturi sabiex il-kompetizzjoni tibqa' ħielsa minn prattiċi żleali (Artikolu 16, punt 26, p. 810). Skont l-indikazzjonijiet ta' M. Horak, "Naht das Ende des Zugabenverbots?", *Ecolex*, 2008, p. 1138, l-għan tal-projbizzjoni tal-premji prevista mill-Artikolu 9a tal-UWG essenzjalment huwa l-ħarsien tal-konsumatur. L-awtur jirreferi f'dan ir-rigward għas-sentenza tal-Oberster Gerichtshof iċċitata fil-punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara wkoll G. Kucsko, "Zur rechtspolitischen Begründung des Zugabenverbots", *Ecolex*, 1992, p. 709, li jirrintraċċa l-oriġini tal-projbizzjoni tal-premji fl-Awstrija sa mill-bidu tal-20 seklu. L-awtur josserva li, sa mill-bidu, l-għan ewlieni tal-"projbizzjoni tal-premji" fl-Awstrija kien li jiġi evitat li d-deċiżjoni ta' xiri tal-konsumaturi tkun influwenzata b'mod suġġettiv minn premji u li dawn tal-aħħar jaħbu l-prezz veru tal-prodott prinċipali u b'hekk iwasslu biex jingannaw lill-klijent. Barra minn hekk kienet intiża biex tevita taqtigħat bejn il-kompetituri dwar min joffri l-iżjed.

40 — Ara s-sentenza tal-Oberster Gerichtshof tad-9 ta' Marzu 1999, Fini's Feinstes (referenza 4 Ob 28/99t). Huwa indikat: "L-għan ta' projbizzjoni tal-premji huwa fuq kollox il-ħarsien tal-konsumatur: id-deċiżjoni tal-konsumatur ma tistax tiġi mfixkla b'vizzju għal-logħob u l-kilba għar-rebħ (pereżempju billi jingħata l-possibbiltà li jipparteċipa f'logħba-kompetizzjoni). Id-deċiżjoni ta' xiri għandha tittieħed skont il-kwalità u l-prezz u fuq il-bażi ta' paragun oġġettiv, u mhux, mingħajr riflessjoni ġenwina, biex jintrebaħ il-premju ppreżentat bħala lixka".

ikun imfixkel bil-vizzju tal-logħob u mill-kilba għar-rebħ (pereżempju billi jingħataw il-possibbiltà li jipparteċipaw f'logħba-kompetizzjoni bi premju).

58. Għaldaqstant, anki wara eżami tad-dispożizzjonijiet u l-ġurisprudenza Awstrijaki rilevanti, għandu jiġi kkunsidrat li l-projbizzjoni tar-premji prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG hija intiża, ta' mill-inqas sa l-istess grad, biex tipproteġi lill-konsumaturi.

c) Konklużjoni

59. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nasal għall-konklużjoni li d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29. Għaldaqstant, għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-preskrizzjonijiet tad-Direttiva [41].

3. L-eżami tal-istrutturi taż-żewġ testi

a) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29

60. Biex jiġi kkonstatat jekk id-Direttiva 2005/29 topponix dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħall-Artikolu 9a(1) tal-UWG,

41 — Ara M. Horak, "Zugabenverbot gemeinschaftsrechtswidrig?", *Ecolex*, 2009/123, p. 341, li jikkunsidra li l-għan tal-ewwel domanda preliminari huwa li jiġi stabbilit jekk projbizzjoni *per se* tal-premji intiża biex jiġu protetti kemm il-konsumaturi kif ukoll l-impriżi hijiex kompatibbli mad-Direttiva 2005/29. Skont l-awtur, tali projbizzjoni *per se* tmur kontra d-dritt Komunitarju peress li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha ma jistax jiġi ddelimitat bi preċiżjoni u llimitat għal offerti ddestinati esklużivament għal impriżi u li ma jaffettwawx l-interessi tal-konsumaturi. L-Artikolu 9a (1)(1) tal-UWG ma jissodisfax dawk il-kundizzjonijiet. Skont H. Lettner, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 9, p. 317, il-fatt li l-projbizzjoni tal-offerti konġunti prevista fl-Artikolu 9a (1)(1) tal-UWG ma jimmirax biss li jipproteġi lill-konsumaturi iżda jsegwi wkoll għanijiet oħrajn li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, bħaż-żamma tal-pluraliżmu tal-midja u l-protezzjoni tal-kompetituri iktar dgħajfa, ma jiġġustifikax iż-żamma tal-projbizzjoni *per se* għas-settur tal-B2C, minbarra l-listi suwed. B'hekk, iż-żewġ awturi jikkunsidraw li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29.

huwa neċessarju li jiġu eżaminati ż-żewġ testi mill-perspettiva tal-istruttura u l-għan regolatorju tagħhom sabiex jiġu mqabbla.

i) L-għan ta' armonizzazzjoni sħiħa u massima tal-liġijiet nazzjonali

61. Kif indikajt fil-bidu [42], id-Direttiva 2005/29 timmira lejn armonizzazzjoni sħiħa tal-liġijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-prattiki kummerċjali żleali. Barra minn hekk, b'differenza mill-istrutturi ġuridiċi settorjali ta' armonizzazzjoni tad-dritt dwar il-ħarsien tal-konsumatur adottati s'issa, din ma timmirax lejn armonizzazzjoni minima iżda armonizzazzjoni massima tal-liġijiet nazzjonali li, ħlief għal ċerti eċċezzjonijiet, tippojbixxi lill-Istati Membri li jżommu jew jadottaw miżuri iktar restrittivi minn dawk iddefiniti mid-Direttiva, ukoll għall-fini li jiġi żgurat grad ogħla ta' ħarsien tal-konsumatur [43]. Dan jirriżulta fiż-żewġ każijiet kemm mill-preambolu kif ukoll mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva.

62. Minn naħa waħda, dan jirriżulta mill-premessa 11 tad-Direttiva 2005/29 li tindika li l-*approssimazzjoni* tad-dispożizzjonijiet nazzjonali milħuqa permezz ta' din id-Direttiva toħloq livell komuni għoli ta' ħarsien tal-konsumatur. Min-naħa l-oħra, il-premessa 12 tagħha tindika li l-konsumaturi u l-kummerċjanti b'hekk jistgħu jserrħu fuq qafas regolatorju wieħed ibbażat fuq kunċetti legali definiti b'mod ċar li jirregolaw l-aspetti kollha ta' prattiki kummerċjali żleali fl-Unjoni Ewropea. Isir ukoll riferiment għall-metodu ta' approssimazzjoni tal-liġijiet fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/29, li jistabbilixxi li l-għan ta' din tal-aħħar huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li tikseb livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur.

63. L-għan ta' regolamentazzjoni kompleta u massima f'livell Komunitarju fil-qasam li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29, min-naħa l-oħra, mill-premessi 14 u 15 jirriżulta b'mod ċar li jsemmu espliċitament *armonizzazzjoni sħiħa*. Barra minn hekk, dan jirriżulta mill-klawżola dwar is-suq intern fl-Artikolu 4 li tipprevedi li l-Istati Membri la għandhom irażżnu l-libertà tal-provvista tas-servizzi u lanqas għandhom irażżnu l-moviment liberu ta' merkanzija għal raġunijiet li jaqgħu fil-qasam li fih id-Direttiva *tapprossima* d-dispożizzjoni fis-seħħ.

42 — Ara l-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

43 — Ara s-sentenza VTB-VAB u Galatea (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 52).

64. Bħala eċċezzjoni, l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva jipprevedi li matul perjodu ta' sitt xhur li jibda jiddekorri mit-12 ta' Ġunju 2007, l-Istati Membri għandhom il-fakultà li jkomplu japplikaw dispożizzjonijiet nazzjonali approssimati minn din id-direttiva, li jkunu iktar restrittivi jew rigoruži mid-Direttiva. Madankollu, din l-eċċezzjoni hija llimitata għad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati biex jimplementaw direttivi inklużi klawżoli ta' armonizzazzjoni minima [44]. Finalment, eċċezzjoni oħra għall-armonizzazzjoni sħiħa tinsab fl-Artikolu 3(9), li tirrigwarda s-servizzi finanzjarji fis-sens tad-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 98/7/KE u 98/27/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 321) u l-beni immobbli.

ii) L-istruttura regolatorja tad-Direttiva 2005/29

65. Il-qofol tad-Direttiva 2005/29 jinsab fil-klawżola ġenerali tal-Artikolu 5(1) li tipprojbixxi l-prattiki kummerċjali żleali. It-tifsira ta' "żleali" hija ppreċiżata fl-Artikolu 5(2). Skont dik id-dispożizzjoni, prattika kummerċjali hija żleali meta, minn naħa waħda, tkun kuntrarja għar-rekwiżiti tad-"diliġenza professjonali", u, min-naħa l-oħra, tkun tista' "toħloq distorsjoni sostanzjali" fl-imġiba ekonomika tal-konsumatur. Skont il-paragrafu 4, b'mod partikolari, huma żleali l-prattiki kummerċjali li jqarrqu (Artikoli 6 u 7) jew li jkunu aggressivi (Artikoli 8 u 9). Il-paragrafu 5 jirreferi għall-Anness I li jelenka l-prattiki kummerċjali li "f'kull ċirkustanza jitqiesu bħala żleali". Din il-lista unika tapplika fl-Istati Membri kollha u tista' tiġi mmodifikata biss jekk tiġi emendata d-Direttiva.

66. Minn dan jirriżulta li, meta japplikaw id-dritt, il-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali għandhom fl-ewwel lok jirreferu għal-lista ta' 31 prattika kummerċjali żleali tal-Anness I. Meta prattika kummerċjali tkun tista' tiġi relatata ma' waħda minnhom, ma jkunx meħtieġ li jsir eżami iktar fil-fond, pereżempju tal-konsegwenzi. Meta l-fatti tal-każ inkwistjoni ma jkunux jikkorrispondu ma' waħda mill-prattiki tal-lista, ikun meħtieġ li

44 — Id-direttivi fis-sens tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva li jinkludu klawżola ta' armonizzazzjoni huma, b'mod partikolari, dawn li ġejjin: id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE tal-20 ta' Diċembru 1985 biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mil-lok tan-negozju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15 Vol. 1, p. 262); id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, tat-13 ta' Ġunju 1990, dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 132); id-Direttiva 94/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 1994, dwar il-protezzjoni tax-xerrejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti aspetti tal-kuntratti li għandhom x'jaqsmu max-xiri tad-dritt għall-użu tal-propjetà immobbli fuq bażi ta' timeshare (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 13, p. 315); id-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 1997, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-boghod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319); id-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 32); id-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE, tat-3 ta' Ottubru 1989, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 224).

jiġi eżaminat jekk jikkorrispondux ma' wieħed mill-eżempji ġenerali msemmija fil-klawżola ġenerali, il-prattiċi qarrieqa jew aggressivi. Jekk, u biss jekk, dan ma jkunx il-każ, tapplika l-klawżola ġenerali tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2005/29 [45].

b) Id-dispożizzjonijiet tal-UWG

67. Skont ġurisprudenza stabbilita, kull Stat Membru li lilu tkun indirizzata direttiva għandu l-obbligu li jadotta, fis-sistema ġuridika nazzjonali tiegħu, il-miżuri kollha meħtieġa bil-għan li jiġi żgurat l-effett sħiħ tad-direttiva, b'mod konformi mal-għan li hija ssegwi [46]. Minn dan jirriżulta l-obbligu tal-leġiżlatur nazzjonali li jittrasponi kif suppost id-direttiva inkwistjoni fid-dritt nazzjonali [47]. Madankollu, it-test tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 249 iħalli fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali l-forma u l-mezzi. Il-leġiżlatur nazzjonali, b'mod partikolari, għandu dik il-libertà ta' għażla.

68. Din hija r-raġuni għalfejn il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li t-traspożizzjoni ta' direttiva fid-dritt intern ma teħtiġx neċessarjament ir-riproduzzjoni formali u testwali tad-dispożizzjonijiet tagħha f'dispożizzjoni legali espressa u speċifika [48]. Effettivament, l-importanti hu li t-testi ta' traspożizzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' ċarezza u ċertezza ġuridika sabiex l-għan segwit mid-direttiva jitwettaq bis-sħiħ meta jiġi applikat id-dritt nazzjonali mill-qrati u l-awtoritajiet tal-Istat Membru inkwistjoni [49].

45 — F'dan is-sens ara wkoll, l-iskema ta' eżami ta' G. De Critofaro, "La direttiva 2005/29/CE — Contenuti, rationes, caratteristiche", *Le pratiche commerciali sleali tra imprese e consumatori*, Torino 2007, p. 12, u F. Henning-Bodewig, "Die Richtlinie 2005/29/EG über unlautere Geschäftspraktiken", *Gewerblicher Rechtsschutz und Urheberrecht Internationaler Teil*, 2005, numru 8 u 9, p. 631.

46 — Ara b'mod partikolari s-sentenzi tal-1 ta' Frar 1977, Verbond van Nederlandse Ondernemingen (51/76, Ġabra p. 113, punt 22); tas-26 ta' Frar 1986, Marshall (152/84, Ġabra p. 723, punt 48); tal-24 ta' Ottubru 1996, Kraaijeveld *et* (C-72/95, Ġabra p. I-5403, punt 55); tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-336/97, Ġabra p. I-3771, punt 19); tat-8 ta' Marzu 2001, Il-Kummissjoni vs Franza (C-97/00, Ġabra p. I-2053, punt 9); tas-7 ta' Mejju 2002, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-478/99, Ġabra p. I-4147, punt 15); u tas-26 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs Franza (C-233/00, Ġabra p. I-6625, punt 75).

47 — It-traspożizzjoni tad-direttiva hija parti integrali minn proċedura leġiżlattiva f'żewġ stadji, fejn it-tieni stadju jrid isir fil-livell tad-dritt nazzjonali. L-implementazzjoni materjali fil-livell tad-dritt nazzjonali tikkonkretizza d-dritt tad-direttiva [ara f'dan ir-rigward P. Vcelouch, *Kommentar zu EU- und Eg-Vertrag* (ippubblikat minn H. Mayer), Vjenna 2004, artikolu 249, punti 48 u 50, p. 17 u 18].

48 — Ara s-sentenzi tat-28 ta' Frar 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-131/88, Ġabra p. I-825, punt 6); tal-15 ta' Novembru 2001, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-49/00, Ġabra p. I-8575, punti 21 u 22); tat-28 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-410/03, Ġabra p. I-3507, punt 60). Dan huwa ġustament osservat minn D. Seichert, "DerUmsetzungsbedarf der Richtlinie über unlautere Geschäftspraktiken", *Wettbewerb in Recht und Praxis*, 2005, p. 1088, fir-rigward tan-neċessità li tiġi trasposta d-Direttiva 2005/29 fid-dritt Ġermaniż.

49 — F'dan is-sens ara M. Ruffert, f'Calliess u Ruffert (edituri), *Kommentar zu EUV/EGV*, it-3 edizzjoni, 2007, artikolu 249, punt 49, p. 2135. Skont ġurisprudenza stabbilita, it-traspożizzjoni ta' direttiva għandha tassigura effettivament l-applikazzjoni sħiħa tagħha. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-9 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-217/97, Ġabra p. I-5087, punt 31); tas-16 ta' Novembru 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-214/98, Ġabra p. I-9601, punt 49); tal-11 ta' Lulju 2002, Marks & Spencer (C-62/00, Ġabra p. I-6325, punt 26).

i) Preżentazzjoni tal-istruttura regolatorja tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG

69. Skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG jipprojbixxi lill-impriżi li jirriklamaw lill-konsumaturi benefiċċji b'xejn assoċjati ma' prodotti jew servizzi. Jekk il-prodott prinċipali jkun perjodiku (gazzetta, rivista), il-projbizzjoni testendi wkoll għas-sempliċi fatt li jiġu proposti u mogħtija premji. Skont il-ġurisprudenza tal-Obergerichtshof [50], premju jfisser, b'mod partikolari, il-possibbiltà, marbuta max-xiri ta' prodott prinċipali, li wieħed jieħu sehem f'logħba-kompetizzjoni bi premju.

70. Madankollu, kif jirriżulta mid-digriet tar-rinviju [51], il-ġurisprudenza tagħti interpretazzjoni restrittiva lil dik id-dispożizzjoni, b'mod illi mhux il-bejgħ kollu bi premji huwa illeċitu. B'hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Oberster Gerichtshof, l-applikazzjoni tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG tippresupponi li l-imġiba inkwistjoni tkun, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, (a) oġġettivament ta' natura li tinfluwenza lill-konsumatur fid-deċiżjoni tiegħu biex jakkwista l-prodott prinċipali (servizz prinċipali) [52] u li b'hekk (b) tkun tista' twassal għal spostament sinjifikattiv tad-domanda [53]. Din hija r-raġuni għalfejn sa ċertu grad diġà huwa nieqes l-element kostituttiv previst f'dik id-dispożizzjoni, għaliex il-"premju" illeċitu fis-sens tal-paragrafu 1, huwa nieqes meta l-kundizzjonijiet elaborati mill-ġurisprudenza ma jkunux sodisfatti [54].

71. Minkejja din l-interpretazzjoni restrittiva mogħtija mill-ġurisprudenza Awstrijaka, għandu jiġi kkonstatat li d-dispożizzjoni inkwistjoni tal-Artikolu 9a tal-UWG hija bbażata fuq prinċipju ta' regola-eċċezzjoni inkwantu l-paragrafu 1 jipprojbixxi li jiġu assoċjati żewġ prodotti jew servizzi differenti bil-għan ta' promozzjoni tal-bejgħ, ħlief meta jkunu applikabbli l-eċċezzjonijiet indikati fil-paragrafu 2. Fi kliem ieħor, dik id-dispożizzjoni tipprojbixxi li jiġu marbuta flimkien prodotti jew servizzi differenti

50 — Ara l-paġna 10 tad-digriet tar-rinviju.

51 — Fil-paġna 8 tad-digriet tar-rinviju, il-qorti tar-rinviju ssemmi s-sentenzi tal-Oberster Gerichtshof tal-20 ta' Ottubru 1992, Welt des Wohnens (referenza Ob 273/07d); tat-30 ta' Jannar 2008, ORF Teletext (referenza 3 Ob 273/07d); u tal-14 ta' Frar 2008 (referenza 4 Ob 17/08s).

52 — Fil-paġna 8 tad-digriet tar-rinviju, il-qorti tar-rinviju ssemmi s-sentenza Welt des Wohnens, iċċitata iktar 'il fuq.

53 — Fil-paġna 8 tad-digriet tar-rinviju, il-qorti tar-rinviju ssemmi s-sentenza tal-Oberster Gerichtshof, tal-14 ta' Diċembru 1999, Tipp des Tages III (referenza 4 Ob 290/99x).

54 — Ara wkoll il-paġna 4 tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

għall-finijiet ta' promozzjoni tal-bejgħ u b'hekk tinftiehem bħala projbizzjoni fil-prinċipju ta' offerti konġunti li madankollu tippermetti eċċezzjonijiet f'ċerti każijiet [55].

a) Id-dritt miktub nazzjonali

i) Inverżjoni tas-sistema regolatorja

4. Il-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni inkwistjoni mad-Direttiva 2005/29

72. Barra minn hekk, għandha tiġi studjata l-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni mad-Direttiva 2005/29 billi tiġi eżaminata, fl-ewwel lok, l-istruttura tal-imsemmija dispożizzjoni. Jekk dan iwassal biex tiġi kkonstatata l-inkompatibbiltà tad-dritt nazzjonali, kif jirriżulta mit-test tal-liġi, sussegwentement għandu jiġi eżaminat jekk dik id-dispożizzjoni tistax minkejja kollox titqies bħala konformi mad-direttiva abbażi tal-interpretazzjoni restrittiva tal-Oberster Gerichtshof.

73. Rigward jekk id-dispożizzjoni inkwistjoni hijiex kompatibbli mad-Direttiva 2005/29, għandu jiġi kkonstatat li l-projbizzjoni ta' offerti konġunti, li hija inkwistjoni f'din il-kawża, prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG tikkostitwixxi dispożizzjoni partikolari fi ħdan l-UWG li, għall-mument, ma għandhiex dispożizzjoni korrispondenti fid-Direttiva 2005/29. L-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG jipprevedi projbizzjoni fil-prinċipju tal-offerti konġunti li ma hijiex prevista fid-Direttiva nfisha.

74. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni nazzjonali tippreżenta struttura regolatorja differenti mid-Direttiva 2005/29, minħabba l-prinċipju ta' regola-eċċezzjonali li fuqha hija bbażata. Hija fuq kollox din l-inverżjoni tas-sistema regolatorja li tqajjem dubji dwar il-kompatibbiltà mal-imsemmija direttiva, inkwantu ma hijiex daqstant il-konfigurazzjoni formali tad-dispożizzjoni li tinsab inkwistjoni, peress li l-leġiżlatur nazzjonali għandu ċerta marġni ta' manuvrar meta jittrasponi direttiva, iżda l-kontenut regolatorju tagħha. Din tal-aħħar ma tikkorrispondix ma' dik tad-Direttiva 2005/29. Effettivament, kif diġà spjegajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda C-261/07 (VTB-VAB) u C-299/07 (Galatea),

55 — Ara M. Horak, iċċitat iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 39), p. 1137, li jqabbel id-dispożizzjoni tal-Artikolu 9a tal-UWG mal-"projbizzjonijiet *per se*". Il-projbizzjonijiet *per se* jikkostitwixxu projbizzjonijiet fil-prinċipju ta' prattiki kummerċjali deskritti b'mod astratt, mingħajr ma qorti tista' tivverifika każ b'każ l-effetti fuq il-konsumaturi jew il-kompetituri. L-iktar spiss, ma' tali projbizzjonijiet ikun hemm lista ta' eċċezzjonijiet, sabiex jiġi żgurat bilanċ prattiku. Skont l-awtur, l-Artikolu 9a tal-UWG, li fih hemm projbizzjoni fil-prinċipju, fil-paragrafu 1, u lista ta' eċċezzjonijiet, fil-paragrafu 2, isegwi dan il-mudell. R. Heidinger, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, p. 45, huwa tal-fehma li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 9a tal-UWG hija konċepita bħala projbizzjoni *per se* ta' ċerti prattiki kummerċjali mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu vverifikati każ b'każ l-effetti fuq il-konsumaturi.

id-Direttiva 2005/29 issegwi konfigurazzjoni li tiffavorixxi l-libertà ta' intraprenditorija tal-operaturi li, essenzjalment, tikkorrispondi mal-prinċipju tad-dritt "*in dubio pro libertate*" [56]. Din hija r-raġuni għalfejn id-Direttiva tikkunsidra, għall-kuntrarju tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, li prattiki kummerċjali huma leċiti kemm-il darba l-kundizzjonijiet, definiti sew, ta' projbizzjoni ma jkunux sodisfatti [57].

meħtieġ għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u biex jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur [58].

ii) Insuffiċjenza tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 9a(2) tal-UWG

75. Din il-konfigurazzjoni liberali tikkorrispondi ma' preokkupazzjoni regolatorja preċiża li jiġi żgurat li jintlaħaq l-għan tal-leġiżlatur Komunitarju stabbilit fil-premessi 4 u 5, kif ukoll fl-Artikolu 1 tad-Direttiva, jiġifieri, bis-saħħa ta' regoli komuni fil-livell Komunitarju, li jitneħħew l-ostakli għall-moviment liberu tas-servizzi u l-merkanzija jew il-libertà ta' stabbiliment li jirriżultaw minn għadd kbir ta' dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-prattiki kummerċjali żleali, u dan, sal-grad

76. Barra minn hekk, eċċezzjonijiet għal projbizzjonijiet fil-prinċipju, bħal dik prevista fl-Artikolu 9a(2) tal-UWG, ma humiex ta' tali natura li jkopru l-każijiet kollha li fihom prattika għandha titqies li hija leċita abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29, għaliex dawn ma jippermettux lill-qrati u lill-awtoritajiet nazzjonali li jipproċedu għal

56 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi VTB-VAB u Galatea, iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 81. Ara fl-istess sens H.-W., Micklitz, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta'qiegħ il-paġna 25, p. 374.

57 — Din hija r-raġuni għalfejn G. Abbamonte, "The unfair commercial practices Directive and its general prohibition", *The regulation of unfair commercial practices under EC Directive 2005/29 — New rules and new techniques*, Norfolk 2007, p. 15, jikkwalifika bħala liberali l-approċċ segwit mid-Direttiva. Skont dan tal-aħħar, dak kollu li ma huwiex ipprojbit espressament huma permess. G. De Cristofaro, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, p. 11, jirrimarka ġustament li d-Direttiva ssegwi approċċ selettiv billi tiffissa l-kriterji ta' evalwazzjoni tan-natura żleali ta' prattika kummerċjali mingħajr ma tagħti ebda indikazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' prattika kummerċjali leali.

58 — Ara A. Bakardjieva Engelbrekt, "An end to Fragmentation? The Unfair Commercial Practices Directive from the Perspective of the New Member States from Central and Eastern Europe", *The regulation of unfair commercial practices under EC Directive 20005/29 — New rules and new techniques*, Norfolk 2007, p. 47 *et seq*, li tenfasizza l-effett ta' armonizzazzjoni tad-Direttiva 2005/29 li l-għan tagħha huwa li jiġu ssuperati d-differenzi sinjifikattivi li kienu jeżistu bejn il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati fil-qasam tal-kompetizzjoni żleali qabel id-dħul fis-seħħ tagħha. F'dan is-sens ara wkoll, E. Bargelli, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, p. 79. Weatherill, S., "Who is the 'average Consumer'?", *The regulation of unfair commercial practices under EC Directive 2005/29 — New rules and new techniques*, Norfolk 2007, p. 137, jikkwalifika l-approċċ tad-Direttiva 2005/29 bħala tneħħija tar-regolamenti b'regolamenti simultanji. L-armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali toħloq it-tneħħija tar-regolamenti tas-suq billi tneħħi l-varjetà ta' drittijiet nazzjonali tal-Istati Membri favur leġiżlazzjoni komuni. Skont V. Falce/G. Ghidini, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, p. 372, tfittex biex tistabbilixxi mill-ġdid il-bilanċ bejn, minn naħa waħda, il-kompetizzjoni fis-suq intern mingħajr fruntieri, u, min-naħa l-oħra, il-ħarsien tal-konsumatur.

evalwazzjoni każ b'każ [59]. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza VTB-VAB u Galatea [60].

77. Peress li l-offerti konġunti ma jiffurmawx parti mill-prattiki kummerċjali msemmija fl-Anness I li jitqiesu bħala żleali f'kull ċirkustanza, dawn ma jistgħux fil-prinċipju jiġi pprojbiti ħlief jekk jikkostitwixxu prattiċi żleali, pereżempju peress li jkunu qarrieqa jew aggressivi fis-sens tad-Direttiva 2005/29. Barra minn hekk, skont id-Direttiva, projbizzjoni hija prevedibbli biss meta prattika kummerċjali jkollha titqies bħala żleali minħabba li tkun tmur kontra r-rekwiżiti tad-diliġenza professjonali jew peress li tkun tbiddel, jew tkun tista' tbiddel, b'mod sostanzjali l-imġiba ekonomika tal-konsumatur medju fir-rigward tal-prodott.

78. Huwa impossibbli li jiġi kkonstatat darba għal dejjem jekk dan jgħoddx ukoll għall-offerti konġunti — effettivament, jeħtieġ li ssir evalwazzjoni każ b'każ tal-prattiki kummerċjali. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-premessa 7 tad-Direttiva, li tgħid li meta tiġi applikata d-Direttiva 2005/29, b'mod partikolari minn klawżoli ġenerali, għandhom jiġu kkunsidrati sew iċ-ċirkustanzi ta' kull każ. It-termini "b'mod partikolari" juru wkoll li l-evalwazzjoni każ b'każ ma hijiex limitata għall-applikazzjoni tal-klawżola ġenerali tal-Artikolu 5(1) iżda testendi għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva, li jippreċiżawha. Il-premessa 17 turi li l-leġiżlatur Komunitarju wkoll huwa tal-fehma li huwa neċessarju li ssir evalwazzjoni każ b'każ fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva meta prattika kummerċjali ma tkunx tagħmel parti mill-prattiċi msemmija fl-Anness I. Dan jirriżulta minn interpretazzjoni *a contrario* tat-tielet sentenza tal-premessa 17 li effettivament tindika li l-prattiki kummerċjali msemmija fl-Anness I huma l-uniċi li jistgħu jitqiesu bħala żleali "mingħajr l-eżami ta' kull każ għalih fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 5 sa 9".

iii) Konklużjoni proviżorja

79. Skont dak li jirriżulta mit-test tal-liġi, id-dispożizzjoni inkwistjoni ma hijiex kompatibbli mad-Direttiva 2005/29.

59 — Ara wkoll f'dan is-sens ukoll R. Heidinger, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, p. 46.

60 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 64 u 65.

b) Il-possibbiltà li tingħata interpretazzjoni konformi mad-Direttiva 2005/29

80. Kif spjegajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Plus [61], biex jiġi stabbilit jekk dispożizzjoni nazzjonali tmurx kontra d-dritt Komunitarju, wieħed ma għandux jibbaża biss fiq it-test tagħha, iżda għandu jiġi kkunsidrat ukoll il-mod kif hija interpretata mill-qrati nazzjonali [62]. Minħabba l-fatt li tirrifletti l-interpretazzjoni tal-liġi imponibbli fuq iċ-ċittadini kollha, il-ġurisprudenza ta' Stat Membru tikkostitwixxi kriterju indispensabbli biex tiġi evalwata l-konformità mad-dritt Komunitarju tat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali u tal-interpretazzjoni tiegħu [63].

81. Din hija r-raġuni għalfejn l-interpretazzjoni restrittiva mogħtija mill-Oberster Gerichtshof, bħala regola ġenerali, għall-projbizzjoni fil-prinċipju tal-offerti konġunti tista' timmilita favur il-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni mad-Direttiva 2005/29. Ma jistax jiġi eskluż li billi jagħti interpretazzjoni li tirrestriġi tali projbizzjoni, il-qorti nazzjonali ddagħjjifha b'tali mod li fl-aħħar mill-aħħar iġġibha kompatibbli mad-Direttiva. Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, qorti nazzjonali hija obbligata li tinterpreta d-dritt nazzjonali, kemm jekk ikunu dispożizzjonijiet li daħlu fis-seħħ qabel jew wara d-Direttiva, fid-dawl tat-test u l-għan tad-Direttiva [64] biex jintlaħaq ir-riżultat intiż tagħha u b'hekk tinkiseb konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 249 KE, skont liema huwa fil-kompetenza tal-qorti nazzjonali biex tagħti dik l-interpretazzjoni, sal-punt li tkun mogħtija marġni ta' diskrezzjoni mid-dritt nazzjonali tagħha, b'mod konformi mar-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju [65]. Dan jinkludi l-possibbiltà ta' interpretazzjoni restrittiva, konformi mad-dritt Komunitarju, tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni jew ta' żvilupp fil-ġurisprudenza, sa fejn il-qrati

61 — Iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, punt 82.

62 — K. Lenaerts, D. Arts, u I. Maselis, iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 5-056, p. 162, josservaw li l-portata tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija lilhom mill-qrati nazzjonali. L-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali konformi mad-dritt Komunitarju kienet is-suġġett ta' talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesgerichtshof fil-Kawża Siemens (sentenza tad-19 ta' Novembru 1996, C-42/95, Ġabra p. I-6017) kif ukoll talba tal-Hof van beroep te Gent (il-Belġju) fil-Kawża Gysbrechts u Santurel Inter (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, C-205/07, Ġabra p. I-9947).

63 — Ara f'dan ir-rigward il-konklużjonijiet tiegħi tat-18 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-338/06, Ġabra p. I-10139, punt 39).

64 — Sentenzi tal-10 ta' April 1984, von Colson u Kamann (14/83, Ġabra p. 1891, punt 26) u Harz (79/83, Ġabra p. 1921, punt 26); tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston (222/84, Ġabra p. 1651, punt 53); tat-8 ta' Ottubru 1987, Kolpinghuis Nijmegen (80/86, Ġabra p. 3969, punt 12); tal-20 ta' Settembru 1988, Beentjes (31/87, Ġabra p. 4635, punt 39); tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori (C-91/92, Ġabra p. I-3325, punt 24); tal-25 ta' Frar 1999, Carbonari *et* (C-131/97, Ġabra p. I-1103, punt 48); tal-15 ta' Ġunju 2000, Brinkmann (C-365/98, Ġabra p. I-4619, punt 40); tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, Ġabra p. I-4941, punt 30); tat-13 ta' Lulju 2000, Centrosteel (C-456/98, Ġabra p. I-6007, punt 16) u tat-3 ta' Ottubru 2000, Gozza *et* (C-371/97, Ġabra p. I-7881, punt 37). F'dan is-sens ara wkoll is-sentenzi tat-13 ta' Novembru 1990, Marleasing (C-106/89, Ġabra p. I-4135, punt 89; tal-15 ta' Mejju 2003, Mau (C-160/01, Ġabra p. I-4791, punt 36); tat-22 ta' Mejju 2003, Connect Austria (C-462/99, Ġabra p. I-5197, punt 38); tat-23 ta' Ottubru 2003, Adidas-Salomon u Adidas Benelux (C-408/01, Ġabra p. I-12537, punt 21); u tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 113). Ara f'dan ir-rigward M. Schweitzer/ W. Hummer / W. Obwexer, *Europarecht*, Vjenna 2007, p. 82 *et seq*.

65 — Sentenzi von Colson u Kamann (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 64), punt 28; u Harz (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 64), punt 28.

nazzjonali jkollhom is-setgħa biex jagħmlu dan [66].

82. Madankollu, l-interpretazzjoni restrittiva mogħtija mill-Oberster Gerichtshof għandha twassal għal qbil mill-qrib bejn il-kontenut regolatorju tal-Artikolu 9a(1) (1) tal-UWG u dak tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29.

i) Eżami fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29

83. Għandu jiġi eżaminat iktar 'il quddiem jekk il-projbizzjoni tal-offerti konġunti inkwistjoni f'din il-kawża, kif interpretata restrittivament mill-ġurisprudenza Awstrijaka, tistax titqies bħala kompatibbli mad-Direttiva 2005/29. F'dan ir-rigward, għandha tiġi segwita l-iskema ta' eżami deskritta fil-punt 66 ta' dawn il-konklużjonijiet.

66 — Skont R. Streinz, *Europarecht*, 8 edizzjoni, Heidelberg 2008, p. 161, punt 456, l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi mad-direttiva jilħaq il-limiti tiegħu fil-kapaċità tad-dritt nazzjonali li jiġi interpretat. Meta l-qrati nazzjonali jkollhom ukoll is-setgħa li jiżviluppaw il-ġurisprudenza, huma għandhom jużaw dik is-setgħa b'mod li jġibu d-dritt nazzjonali konformi mad-dritt Komunitarju.

— L-Artikolu 5(4) u (5) tad-Direttiva 2005/29

Il-lista ta' prattiċi żleali tal-Anness I tad-Direttiva

84. Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li l-prattika kummerċjali pprojbita mill-Artikolu 9a(1) tal-UWG, ma tikkorrispondi ma ebda wieħed mill-każijiet ta' prattiki kummerċjali żleali msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2005/29. B'mod partikolari ma huwiex applikabbli l-każ deskritt fil-punt 16 li jikkonsisti fl-affermazzjoni li prodott iżid il-possibiltajiet li wieħed jirbaħ fil-logħob tal-użżard. Dan jikkonċerna forma partikolari ta' pubbliċità [67], u mhux l-użu ta' offerti konġunti *per se* [68]. Barra minn hekk, il-konvenuta lanqas ma tallega li x-xiri ta' merkanzija huwa biżżejjed biex jiggarantixxi l-possibbiltà ta' rebħ. Hija toffri sempliċement il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'logħba-kompetizzjoni bi premju li fi kwalunkwe każ hija aċċessibbli

67 — Fir-rigward tal-għan regolatorju ta' din il-projbizzjoni, ara E. Büllesbach, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, p. 114. Jekk kummerċjant jasserixxi li prodott jista' jżid il-probabbiltà li wieħed jirbaħ f'logħob tal-azzard, dan jissuġġerixxi lill-konsumatur li x-xiri tal-prodott jippermetti li jinfluwixxi r-riżultat favurih. Iżda l-karatteristika tal-logħob tal-azzard huwa li r-riżultat huwa ddeterminat mill-azzard. Minħabba dan l-element aleatorju, huwa *a priori* inkonċepibbli li jiġi influwenzat ir-riżultat. Għaldaqstant ikun hemm qerq dwar l-adegwatezza tal-prodott. Peress li l-affermazjoni tilgħab indirettament fuq it-tentazzjoni tal-logħob, din tpoġġi partikolarment fil-periklu lill-konsumatur, għaliex it-tama ta' rebħ iktar faċli tista' taffettwa bil-kbir ir-razzjonalità tad-deċiżjoni tiegħu.

68 — Ara l-punt 85 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Plus Warenhandelsgesellschaft, iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

għal kulħadd fuq l-Internet, iżda mingħajr ma twiegħed lix-xerrej li l-possibiltajiet tiegħu li jirbaħ ser ikunu akbar. B'hekk, il-konsumatur li jkun jixtieq jipparteċipa fl-għażla ta' "futboler tas-sena" mhux neċessarjament irid jixtri l-gazzetta inkwistjoni, iżda jista' jagħżel fost diversi modi ta' parteċipazzjoni. Ma huwiex issuġġerit li l-possibiltajiet tiegħu li jirbaħ ser ikunu inqas minn dawk ta' parteċipanti oħrajn jekk jipparteċipa b'mod ieħor apparti mix-xiri tal-gazzetta inkwistjoni u dan lanqas ma jirriżulta minn eżami oġġettiv.

Prattiki kummerċjali qarrieqa u aggressivi fis-sens tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2005/29

85. Wieħed għandu jsaqsi jekk il-prattika kummerċjali pprojbita mill-Artikolu 9a(1) tal-UWG tistax tiġi kkwalifikata bħala qarrieqa jew aggressiva fis-sens tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva. Dan huwa affermat mill-Gvern Awstrijak li jara wkoll fid-dispożizzjoni inkwistjoni traspożizzjoni tal-Artikolu 6(1)(d) jew tal-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva [69].

Prattiki kummerċjali qarrieqa fis-sens tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2005/29

86. Kif turi interpretazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva, il-prattiki kummerċjali qarrieqa huma kkaratterizzati qabel kollox minn element ta' qerq fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali ta' prodott. Skont l-Artikolu 6(1)(d) tad-Direttiva, il-prezz huwa wkoll parti mill-karatteristiċi essenzjali ta' prodott.

87. Fis-sentenza Oosthoek's Uitgeversmaatschappij [70], li l-Gvern Awstrijak jinvoka fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-projbizzjoni ta' premji fil-Pajjiżi l-Baxxi mal-moviment liberu tal-merkanzija, li "l-għoti ta' premji bħala mezz għall-promozzjoni tal-bejgħ tista' twassal biex il-konsumaturi jieħdu żball dwar il-prezzijiet reali tal-prodotti u toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni bbażata fuq il-kompetittività" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-Qorti tal-Ġustizzja minn dan iddeduċiet li "leġiżlazzjoni li, għal dik ir-raġuni, tirrestringi jew saħansitra tipprojbixxi tali prattiki kummerċjali b'hekk hija ta' tali natura li tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-konsumatur u għal-lealtà tat-tranżazzjonijiet kummerċjali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

88. Dawn il-konstatazzjonijiet, li ġew stabbiliti żmien twil qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2005/29, jibqgħu attwali peress li, jekk wieħed jifhem korrettament is-silta ċċitata mis-sentenza, dawn jagħmlu riferiment

69 — Ara l-punt 55, p. 21, tal-osservazzjonijiet tal-gvern Awstrijak.

70 — Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1982, Oosthoek's Uitgeversmaatschappij (286/81, Ġabra p. 4575, punt 18).

għar-riskju astratt li jirrappreżentaw l-offerti konġunti, li jistgħu jfixklu l-kapaċità li wieħed jagħraf b'mod suffiċjenti l-valur tad-diversi prodotti. Dan huwa indikat mill-użu tal-verb "tista'" fl-ewwel sentenza. Din hija r-raġuni għalfejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat impliċitament li kien neċessarju li ssir interpretazzjoni każ b'każ, kif jeħtieġ il-leġiżlatur Komunitarju fid-Direttiva 2005/29.

89. Barra minn hekk, mill-imsemmija sentenza jirriżulta b'mod ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet esklużivament dwar il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-projbizzjoni inkwistjoni tar-premji fil-Pajjiżi l-Baxxi mal-moviment liberu tal-merkanzija waqt li kkunsidrat l-organizzazzjoni legali partikolari tagħha. Għaldaqstant, il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jistgħux jiġu trasposti *tale quale* għal din il-kawża. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument li kull għoti ta' premji, issir kif issir, hija potenzjalment qarrieqa, huwa infondat.

90. Konsegwentement, id-dispożizzjoni inkwistjoni, kif interpretata restrittivament mill-ġurisprudenza Awstrijaka, ma tistax titqies bħala konformi mal-Artikolu 6(1)(d) tad-Direttiva 2005/29.

Prattiki kummerċjali agressivi fis-sens tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/29

91. L-offerti konġunti lanqas ma jistgħu jiġu kklassifikati b'mod ġenerali fil-kategorija ta' prattiki kummerċjali aggressivi, għaliex l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/29 jeħtieġ għal dan il-għan tfixkil konsiderevoli fil-libertà tal-għażla jew l-imġiba tal-konsumatur medju fir-rigward tal-prodott, permezz ta' fastidju, ġegħil jew l-użu ta' forza fiżika.

92. Dan l-element ma huwiex karatteristika tal-offerti konġunti u ma jeżistix f'din il-kawża. Għaldaqstant, minkejja interpretazzjoni restrittiva, id-dispożizzjoni ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 8 tad-Direttiva.

— L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29

93. Barra minn hekk, skont id-Direttiva, jista' jkun hemm projbizzjoni biss meta prattika kummerċjali jkollha titqies bħala żleali peress li tmur kontra r-rekwiżiti ta' diliġenza professjonali u tbiddel jew tkun tista' tbiddel b'mod sostanzjali l-imġiba ekonomika tal-konsumatur medju fir-rigward tal-prodott. Għal din ir-raġuni jeħtieġ li l-kundizzjonijiet

previsti fl-Artikolu 5(2)(a) u (b) ikunu sodisfatti [71].

94. L-eżami tal-kompatibbiltà tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29 jsir f'żewġ stadji. Fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat jekk, meta titqies l-interpretazzjoni restrittiva diġà msemmija, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG tissuġġettax projbizzjoni għall-istess kundizzjonijiet bħad-Direttiva 2005/29. Jekk dan ikun il-każ, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk taħt dik id-dispożizzjoni nazzjonali jaqgħux biss il-prattiċi li għandhom jitqiesu bħala żleali fis-sens tal-Artikolu 5(2).

Kapaċità li tinbidel b'mod sostanzjali l-imġiba tal-konsumatur medju

Konkordanza tal-kamp ta' applikazzjoni

Konkordanza tal-kundizzjonijiet stipulati

95. Fi kwalunkwe każ teżisti konkordanza sostanzjali mill-qrib bejn id-dispożizzjoni inkwistjoni u d-Direttiva 2005/29 fir-rigward tal-kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 5(2)(b), peress li, skont l-interpretazzjoni restrittiva tal-qrati Awstrijaki, sabiex premju jkun illeċitu fis-sens tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, l-avviż, l-offerta jew l-għoti tiegħu għandhom "oġġettivament ikunu jistgħu jinkluwenzaw l-imġieba tal-konsumaturi mmirati". Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju stess issemmi l-possibbiltà li dak ir-rekwiżit żviluppat mill-ġurisprudenza Awstrijaka jiġi interpretat fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) [72]. Ma għandux ikun hemm oġġezzjonijiet għal dan jekk dan ir-rekwiżit tad-dritt nazzjonali, li essenzjalment huwa fformulat b'mod identifiku, jingħata l-istess tifsira bħala fid-dritt Komunitarju.

96. Effettivament, skont id-definizzjoni legali li tinsab fl-Artikolu 2(e), "il-ħolqien ta' distorsjoni sostanzjali fl-imġiba ekonomika ta' konsumaturi" għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjoni tfisser "l-użu ta' prattika kummerċjali sabiex tiġi mfixkla b'mod apprezzabbli l-kapaċità tal-konsumatur li

71 — F'dan is-sens ara G. Abbamonte, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57, p. 21; J. Massaguer, *El nuevo derecho contra la competencia desleal — La Directiva 2005/29/CE sobre las Prácticas Comerciales Desleales*, Cizur Menor 2006, p. 58; N. Maione, "Le Pratiche commerciali sleali nella direttiva 2005/29/CE", *Lezioni di diritto privato europeo*, 2007, p. 1068.

72 — Ara l-paġna 10 tad-digriet tar-rinviju.

jagħmel deċiżjoni informata, jew imġiegħel jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra". Id-dritt protett minn din id-dispożizzjoni hija l-libertà tal-għażla tal-konsumatur [73].

97. Għalkemm id-domanda preliminari tal-qorti tar-rinviju tikkonċerna b'mod ġenerali l-kompatibbiltà tal-Artikolu 9a(1)(1) mad-Direttiva 2005/29, din hija determinanti biex tiġi deċiża l-kwistjoni fil-kawża prinċipali mhux fir-rigward tal-każijiet kollha koperti (pubblikazzjonijiet prejodiċi u premji) iżda biss l-offerti konġunti ma' pubblikazzjonijiet perjodiċi u logħob bi premju. Fl-osservazzjonijiet tagħhom, il-partijiet ukoll jirreferu l-iktar għal din il-forma ferm partikolari ta' offerti konġunti, li madankollu toħloq problemi mill-perspettiva tal-ħarsien tal-konsumatur. Din hija r-raġuni għalfejn iktar 'il quddiem ser neżamina biss l-effetti ta' din il-prattika kummerċjali fuq l-aġir tal-konsumatur.

98. Il-Gvern Awstrijak jikkunsidra li l-kundizzjoni msemmija qabel hija sodisfatta fir-rigward tal-offerti konġunti ta' prodotti u ta' logħob bi premju [74]. Huwa jispjega li, fil-każ ta' perjodiku li l-prezz unitarju tiegħu jkun relattivament baxx, bħal f'dan il-każ, il-konsumatur jiddeċiedi li jixtri l-prodott prinċipali għal raġunijiet estraneji minnu, minħabba l-opportunitajiet ta' rebħ. F'dan il-każ, il-perspettiva ta' parteċipazzjoni b'xejn f'logħba-kompetizzjoni li tagħti l-opportunità ta' rebħ ta' premju b'valur sproporzjonat tista' ġustament tbiddel b'mod sostanzjali l-imġiba tal-konsumatur fis-settur tal-midja.

99. Il-Gvern Awstrijak għandu raġun meta jafferma li l-użu ta' logħob-kompetizzjonijiet bi premju għal finijiet pubbliċitarji għandu tendenza li jqanqal il-leblieba għal-logħob li tinsab fin-natura tal-bniedem. Kif diġà semmejt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Plus [75], huwa b'mod partikolari minħabba l-perspettiva ta' rebħ, li jista' jkun kbir ħafna, li dawn il-logħob għandhom ċertu poter ta' attrazzjoni. Dawn jistgħu jiġbdu l-attenzjoni ta' klijenti potenzjali u jorjentawhom lejn ċerti għanijiet, fil-kuntest tal-istrateġija pubbliċitarja adottata. B'hekk jidher diffiċli

73 — Iżda mhux l-interess ekonomiku tal-konsumatur. Skont G. Abbamonte, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57, p. 23, dik id-dispożizzjoni titlaq mill-prinċipji li bħala regola ġenerali l-prattiki kummerċjali żleali joħolqu distorsjoni fil-preferenzi tal-konsumaturi billi jippreġudikaw il-libertà jew il-kapaċità tagħhom li jiddeċiedu. Minħabba fihom, il-konsumaturi jixtru prodotti li ma jkollhomx bżonn jew li, inkella, mingħajr dik l-aspettattiva, kienu jikkunsidraw bħala ta' kwalità inqas. Madankollu, l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2005/29 ma jeħtiġx li l-konsumatur iġarrab preġudizzju ekonomiku. L-awtur jikkunsidra li tali kundizzjoni tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ għaliex tbaxxi b'mod sinjifikattiv il-livell ta' ħarsien tal-konsumatur fl-Unjoni Ewropea.

74 — Ara l-punt 51, p. 20, tal-osservazzjonijiet tal-gvern Awstrijak.

75 — Iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 93.

li jiġi miċħud kull valur tal-argument li tali prattika kummerċjali tista', f'ċerti ċirkustanzi, tbiddel b'mod sostanzjali l-imġiba tal-konsumatur.

100. Madankollu, huwa dubjuż li tali ġeneralizzazzjoni hija faċilment kompatibbli mar-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju. Effettivament, minn naħa waħda, id-Direttiva teħtieġ li l-qrati u l-awtoritajiet nazzjonali jipproċedu għal eżami fil-fond taċ-ċirkustanzi tal-każ qabel ma jkunu jistgħu jikkonkludu li prattika partikolari hija ta' natura żleali [76], waqt li min-naħa l-oħra, għall-finijiet tal-analiżi tal-effetti tal-azzjoni pubbliċitarja inkwistjoni, din tibbaża fuq il-perċezzjoni ta' konsumatur medju jew ta' membru medju ta' grupp ta' konsumaturi.

101. Kif jirriżulta mill-premessa 18, il-kunċett ta' konsumatur medju użat fid-Direttiva 2005/29 jikkorrispondi eżattament mal-mudell ta' konsumatur ta' referenza żviluppat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [77], li huwa "jkun normalment informat u raġjonevolment attent u prudenti", waqt li jitqiesu fatturi soċjali, kulturali u lingwistiċi. Il-kunċett ta' konsumatur medju huwa spjegat iktar 'il quddiem fl-aħħar sentenza tal-premessa 18 fejn huwa enfasizzat li dan "mhuwiex eżami statistiku". Barra minn hekk, huwa indikat li "[i]l-qrati u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jeżerċitaw il-fakultà ta' ġudizzju tagħhom, filwaqt li jittieħed kont tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiddeterminaw ir-reazzjoni tipika tal-konsumatur medju f'każ determinat".

102. Il-metodu żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja biex teżamina l-effetti ta' azzjoni pubbliċitarja fuq konsumatur medju huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan jimmira li jistabbilixxi bilanċ raġonevoli bejn, minn naħa waħda, l-għan ta' ħarsien tal-konsumatur u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jiġi promoss il-moviment liberu tal-merkanzija f'suq intern ikkaratterizzat minn kompetizzjoni ħielsa. Bl-adozzjoni tad-Direttiva 2005/29, il-leġiżlatur Komunitarju issa kkodifika dan il-metodu u, b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti

76 — Ara l-punti 76 sa 78 ta' dawn il-konklużjonijiet.

77 — Ara, fir-rigward tal-konsumatur ta' referenza fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sentenzi tas-16 ta' Jannar 1992, X (C-373/90, Ġabra p. I-131, punti 15 u 16); tas-16 ta' Lulju 1998, Gut Springenheide u Tusky (C-210/96, Ġabra p. I-4657, punt 31); tal-4 ta' Mejju 1999, Windsurfing Chiemsee (C-108/97 u C-109/97, Ġabra p. I-2779, punt 29), tat-13 ta' Jannar 2000, Estée Lauder (C-220/98, Ġabra p. I-117, punt 27); tal-21 ta' Ġunju 2001, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-30/99, Ġabra p. I-4619, punt 32); tal-24 ta' Ottubru 2002, Linhart u Biffl (C-99/01, Ġabra p. I-9375, punt 31); tat-8 ta' April 2003, Pippig Augenoptik (C-44/01, Ġabra p. I-3095, punt 55); tat-12 ta' Frar 2004, Koninklijke KPN Nederland (C-363/99, Ġabra p. I-1619, punt 77); u tat-12 ta' Frar 2004, Henkel (C-218/01, Ġabra p. I-1725, punt 50); tad-9 ta' Marzu 2006, Matratzen Concord (C-421/04, Ġabra p. I-2303, punt 24); tad-19 ta' Settembru 2006, Lidl Belgium (C-356/04, Ġabra p. I-8501, punt 78).

tal-Ġustizzja, jafda din il-missjoni ta' eżami lill-qrati u lill-awtoritajiet nazzjonali. Dan għandu jippermetti li jiġi evitat ir-riskju li prattiki kummerċjali identiċi ma jkunux suġġetti għal evalwazzjonijiet differenti bejn Stat Membru u ieħor u li jiġi żgurat livell ogħla ta' ħarsien tal-konsumatur [78].

103. Ġuridikament, ir-riferiment għal "konsumatur medju, li huwa infurmat raġonevolment tajjeb u raġonevolment attent u kawt" ifisser li l-kundizzjoni fattwali prevista fl-Artikolu 5(1)(b) għandha tiġi interpretata b'mod suffiċjentement strett sabiex jinżamm bilanċ raġonevoli bejn iż-żewġ għanijiet. Dan ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li kull prattika kummerċjali tissodisfa dik il-kundizzjoni meta tkun sempliċement tista' tinfluwenza d-deċiżjoni ta' xiri. Effettivament, id-dritt Komunitarju jikkunsidra li l-konsumatur jinsab f'pożizzjoni li jagħraf il-periklu li jirrappreżentaw ċerti prattiki kummerċjali u li għaldaqstant jaġixxi b'mod razzjonali [79]. Dan huwa wkoll koerenti mal-perspettiva leġiżlattiva jekk wieħed ma jridx jikkunsidra li kwalunkwe forma ta' pubbliċità, li titqies bħala inoffensiva għalkemm xi kultant provokanti, hija żleali u b'hekk jistħoqqilha li tiġi pprojbita [80].

104. Kif tispjega, fil-fehma tiegħi ġustament, il-konvenuta [81], konsumatur medju huwa konxju mill-fatt li r-riklami u l-promozzjonijiet tal-bejgħ f'ekonomija ħielsa tas-suq jimmiraw li jakkwistaw il-klijenti mhux biss bil-prezz u l-kwalità ta' prodott, iżda wkoll billi jwiegħdu għadd ta' benefiċċji oħrajn. Dawn jistgħu jkunu ta' natura emottiva, bħal pereżempju riklami li jqanqlu sens ta' libertà u indipendenza jew ta' appartenenza ma' grupp soċjali partikolari, jew li jagħtu benefiċċju ta' valur ekonomiku kbir, bħal fil-każ ta' premji. Din hija r-raġuni għalfejn huwa loġiku, fil-kuntest leġiżlattiv stabbilit mid-dritt Komunitarju,

78 — G. Abbamonte, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57, josserva li meta adotta d-Direttiva 2005/29, il-leġiżlatur Komunitarju kkodifika dak il-metodu li l-qrati ta' ċerti Stati Membru ma kinux japplikaw. L-awtur jikkunsidra li dan inaqqas ir-riskju li prattiki kummerċjali differenti ma jkunux suġġetti għal evalwazzjonijiet differenti bejn Stat Membru u ieħor u b'hekk isaħħaħ iċ-ċertezza ġuridika. F'dan is-sens ara wkoll, A. Wiebe, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, p. 75, u H. W. Micklitz, "Das Konzept der Lauterkeit in der Richtlinie 2005/29/CE", *Droit de la consommation/Konsumentenrecht/ Consunmer law, Liber amicorum* Bernd Stauder, Basel 2006, p. 311. S. Weatherill, p. 135, jispjega li, għalkemm jista' jidher artifiċjali li wieħed jibbaża fuq konsumatur medju minħabba d-differenzi fl-imġiba tal-konsumaturi, dan huwa indispensabbli għall-funzjonament tajjeb ta' sistema ta' armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet.

79 — H. Lecheler, "Verbraucherschutz", f': *Handbuch des EU-Wirtschaftsrechts* (editur: M. Dauses). Volum 2, Munich 2004, H. V, punt 27, p. 11, jinterpreta l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 77 ta' dawn il-konklużjonijiet) fis-sens li din tirreferi għal konsumatur li fil-prinċipju huwa raġonevoli u prudenti, kapaċi jorjenta ruħu u jagħżel għaliħ innifsu.

80 — B'hekk, N. Maione, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 71, p. 1068, jindika li l-leġiżlatur Komunitarju ma ridx jipprojbixxi kull prattika kummerċjali li tinfluwenza l-imġiba tal-konsumatur iżda biss il-prattiċi li jmorru kontra d-diliġenza professjonali peress li jippreġudikaw il-libertà ta' deċiżjoni tal-konsumatur.

81 — Ara l-paġna 10 tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta fil-kawża prinċipali.

li tali konsumatur normalment informat u raġonevolment attent u prudenti jitħalla jiddeċiedi jekk jixtrix prodott minħabba benefiċċji mwiegħda mir-riklami, il-kwalità tiegħu jew il-prezz baxx tiegħu [82].

protezzjoniżmu żejjed tal-konsumatur [83]. Din tirrestringi wkoll b'mod sproporzjonat il-moviment liberu tal-merkanzija u l-forniment liberu tas-servizzi. Effettivament, tali projbizzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jittieħdu f'kunsiderazzjoni kemm l-interessi tal-konsumatur kif ukoll il-moviment liberu tal-merkanzija u l-forniment liberu tas-servizzi.

Konklużjoni proviżorja

105. Il-preżunzjoni, li hija inerenti f'kull leġiżlazzjoni li tistabbilixxi projbizzjoni fil-prinċipju, li kull offerta konġunta ma' prodott u logħba-kompetizzjoni bi premju hija perikoluża indipendentement mir-riskju reali li tirrappreżenta, kif ukoll mill-karatteristiċi speċifiċi tal-pubbliku li lilu tkun indirizzata, u li b'hekk għandha tkun ipprojbita, b'hekk hija inkompatibbli mal-mudell tal-konsumatur ta' referenza tad-dritt Komunitarju. Fl-aħħar mill-aħħar, din għandha tiġi perċepita bħala

106. Fil-qosor, għandu jiġi kkonstatat li l-projbizzjoni tal-offerti konġunti prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, kif interpretata restrittivament mill-ġurisprudenza Awstrijaka, hija bbażata fuq kunsiderazzjoni tal-interessi preżenti li ma tikkorrispondix mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2005/29.

107. Għalkemm din il-konklużjoni hija biżżejjed biex tingħata risposta pożittiva għall-ewwel domanda preliminari, fuq bażi sussidjarja, ser neżamina iktar 'il quddiem, b'risposta għall-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju u tal-Gvern Awstrijak, il-kompatibbiltà

82 — Ara wkoll f'dan is-sens G. Kucsko, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, p. 709, li jiddubita jekk l-argument li fuqu kienu bbażati l-ħidmiet preparatorji tal-Prämiengesetz tal-1929 (li finalment minnhom toriġina l-projbizzjoni tal-premji prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG) għadux determinanti llum il-ġurnata. Il-konsumatur ta' llum huwa ferm iktar kritiku u informat. Matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin, id-dinja tar-riklami biddlitu totalment. Il-konsumatur sar espost għal attività pubbliċitarja (li mhux dejjem tkun oġġettiva) ħafna iktar intensa u b'hekk huwa dera. Ix-"xbiha" ta' ċerti marki tqanqal assoċjazzjonijiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-karatteristiċi reali tal-prodott. Barra minn hekk, madankollu, il-pubblikazzjoni regolari ta' testi komparattivi, tikketti u rivisti tal-konsumaturi kritiċi, eċċ., saħħew il-kapaċità ta' ġudizzju tal-konsumatur, mhux biss fir-rigward tal-prodotti eżaminati, iżda wkoll b'mod ġenerali. Din hija r-raġuni għalfejn, il-konsumaturi ta' llum huma ħafna iktar kapaċi jiddeċiedi waħdu jekk iridx "jaqa' għal offerta estranea għal prodott" jew jekk jarax il-prezz tal-prodott prinċipali bħala għoli wisq. Minbarra dan, permezz tal-premju huwa jakkwista xi ħaġa iktar minn "xbiha" immaterjali, billi jakkwista prodott jew servizz veru. Illum il-ġurnata, l-argument paternalist tal-protezzjonji tal-konsumaturi ma għadux konvinċenti.

83 — R. Heidinger, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, p. 46, u H. Wittmann, "EUGH: Zugabenverbot vor dem Fall?", *Medien und Recht*, 6/2008, p. 284, jaqblu mar-riżervi li espremiet il-qorti tar-rinviju fid-digriet tar-rinviju. Huma josservaw li, f'din il-kawża, il-mudell tal-konsumatur ta' referenza responsabbli, li fuqu huwa bbażat l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29, huwa oppost għal preżunzjoni ta' żlealtà.

tad-dispożizzjoni inkwistjoni mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29.

Ksur tad-diliġenza professjonali

108. Differenza ċara fir-rigward tar-rekwiżiti tad-Direttiva tinsab fil-fatt li d-dispożizzjoni inkwistjoni, anki jekk interpretata restrittivament, tirrinunzja totalment għall-kundizzjoni essenzjali ta' ksur tad-diliġenza professjonali kif imposta mill-Artikolu 5(2)(a) tad-Direttiva 2005/29.

Konkordanza tar-rekwiżiti legali

109. F'dan ir-rigward, il-Gvern Awstrijak isostni li r-rekwiżit ta' diliġenza professjonali huwa fir-realtà inerenti fid-dispożizzjoni inkwistjoni peress li din tal-aħħar hija intiża biex tipproteġi l-kompetizzjoni kontra r-riskju li jiġi sfruttat il-vizzju tal-logħob tal-konsumaturi. L-osservanza tad-diliġenza professjonali għandha tiġi eżaminata mill-qrati każ b'każ, skont ir-rekwiżiti speċifiċi għal kull professjoni [84]. Din l-affermazzjoni għandha tinftiehem fis-sens li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni għandha timplementa fil-prattika dak ir-rekwiżit, anki jekk permezz ta' interpretazzjoni korrettiva mogħtija mill-qorti kompetenti.

110. Madankollu, dawk l-ispjegazzjonijiet fir-rigward tad-dritt nazzjonali ma humiex konvinċenti. Effettivament, il-qorti tar-rinviju tosserva espliċitament li, b'differenza mill-bidla sostanzjali fl-imġiba tal-konsumatur [85], li diġà ssemmiet, il-qrati Awstrijaki ma jistgħux jivverifikaw jekk l-avviż, l-offerta jew l-għoti ta' premju humiex ugwalment żleali bħala tali minħabba li jmorru kontra r-rekwiżiti tad-diliġenza professjonali [86]. Din hija r-raġuni għalfejn il-qorti tar-rinviju tiddubita jekk, kif inhi fformulata attwalment, projbizzjoni ġenerali tar-premji hijiex kompatibbli mad-Direttiva 2005/29.

Konklużjoni proviżorja

111. B'hekk, l-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju jikkonfermaw l-opinjoni tiegħi li l-projbizzjoni tal-offerti konġunti prevista

84 — Ara l-punt 47, p. 19, tal-osservazzjonijiet tal-gvern Awstrijak.

85 — Ara l-punt 95 ta' dawn il-konklużjonijiet.

86 — Ara p. 10 tad-digriet tar-rinviju.

fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG lanqas mhi konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva f'dak li jirrigwarda l-kundizzjoni imposta mill-Artikolu 5(2)(a). Għaldaqstant fid-dispożizzjoni inkwistjoni ma tista' tiġi kkonstatata ebda konkordanza mar-rekwiżiti legali tal-Artikolu 5(2)(a). Lanqas ma ġiet invokata l-eżistenza ta' xi rekwiżit ieħor tad-dritt Awstrijak tal-kompetizzjoni żleali li jikkorrispondi approssimattivament mar-rekwiżiti legali tal-Artikolu 5(2)(a).

112. Peress li dan huwa biżżejjed biex jiġi konkluż li d-dispożizzjoni inkwistjoni ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29, ma nara li hemm ebda raġuni biex tkompli tiġi eżaminata fid-dawl ta' dik id-dispożizzjoni tad-Direttiva.

c) Konklużjoni

113. Għaldaqstant, dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħall-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, hekk kif hija interpretata, li timponi projbizzjoni fil-prinċipju tal-offerti konġunti mingħajr ma tipprevedi l-possibbiltà li jiġu kkunsidrati b'mod suffiċjenti ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni, hija, min-natura tagħha stess, iktar restrittiva u iktar stretta mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29.

114. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG jikkonċerna qasam suġġett għall-armonizzazzjoni sħiħa u li għalih ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva. Barra minn hekk, ebda wieħed mill-parteċipanti fil-proċedura ma sostna li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni taqa' taħt wieħed mill-oqsma indikati fil-premessa 9 tad-Direttiva [87]. L-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 3(9) tad-Direttiva b'hekk hija wkoll inapplikabbli.

115. Il-projbizzjoni fil-prinċipju tal-offerti konġunti prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, suġġetta għall-interpretazzjoni restrittiva msemmija preċedentement, fl-aħħar mill-aħħar twassal biex iżżid mal-lista eżawrjenti tal-prattiki kummerċjali pprojbiti tal-Anness I tad-Direttiva, li l-Istati Membri ma għandhomx id-dritt li jagħmlu peress li d-Direttiva twettaq armonizzazzjoni

87 — Kif jirrimarka ġustament W. Schuhmacher, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, p. 131, ċerti limiti għall-armonizzazzjoni kompleta huma elenkati fil-premessa 9. Madankollu, f'din il-kawża ebda wieħed mill-parteċipanti f'din il-kawża ma jsostni li dawn il-limiti huma applikabbli f'din il-kawża. Barra minn hekk, wara eżami oġġettiv, ma jidhirlix li dan huwa l-każ.

sħiħa u massima [88]. Huwa pprojbit li l-Istati Membri unilateralment iżidu ma' dik il-lista peress li, skont l-Artikolu 5(5), din tista' tiġi mmodifikata biss permezz ta' reviżjoni tad-Direttiva nfisha, jiġifieri skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni preskritta mill-Artikolu 251 KE.

116. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nasal għall-konklużjoni li, minkejja interpretazzjoni restrittiva, dispożizzjoni nazzjonali bħal dik tal-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG hija inkompatibbli mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2005/29.

L-irtirar tal-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-promozzjoni tal-bejgħ fis-suq intern

117. Parti mill-argument tal-Gvern Awstrijak hija msejsa fuq dispożizzjonijiet differenti tal-proposta tal-Kummissjoni, li finalment ġiet irtirata, għal regolament dwar il-promozzjoni tal-bejgħ fis-suq intern [89]. Dawk id-dispożizzjonijiet kienu jirrigwardaw b'mod partikolari l-għoti ta' benefiċċji b'xejn, ta' premji jew tal-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'konkorsi promozzjonali u f'logħob-kompetizzjonijiet bi premju. Il-Gvern Awstrijak huwa tal-fehma li jista' jiġi dedott mill-fatt li ġie rtirat dak l-abbozz ta' regolament dwar il-promozzjoni tal-bejgħ li l-qasam li kien ser ikopri għadu mhu kopert minn ebda leġiżlazzjoni u ma jaqax, pereżempju, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29.

118. Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi VTB-VAB u Galatea [90] u fil-kawża Plus Warenhandelsgesellschaft [91], diġà ppreżentajt osservazzjonijiet iddettaljati dwar il-konsegwenzi tal-irtirar ta' dik il-proposta tal-Kummissjoni dwar it-trattament ġuridiku tal-offerti konġunti. L-argument, identiku fis-sustanza, tal-gvernijiet tal-Belġju u tal-Ġermanja kien tani dik l-okkażjoni. Kont spjegajt għalfejn, fil-fehma tiegħi, la l-proposta ta' regolament dwar il-promozzjoni tal-bejgħ fis-suq intern tal-Kummissjoni u lanqas il-proposti ta' emenda sottomessi fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ma jippermettu li wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar interpretazzjoni tad-Direttiva 2005/29.

88 — G Abbamonte,. iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57, p. 21, josserva li l-Istati Membri ma jistgħux iżidu mal-lista eżawrjenti ta' prattiki kummerċjali pprojbiti tal-Anness I tad-Direttiva 2005/29. Kieku kellhom id-dritt li jagħmlu dan, dan kien jippreġudika l-armonizzazzjoni sħiħa prevista mid-direttiva, u jostakola l-kisba tal-għan ta' ċertezza ġuridika. B. Keirsbilck, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, p. 522, jikkwalifika l-lista ta' prattiki kummerċjali pprojbiti tal-Anness I bħala waħda eżawrjenti.

89 — Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjonijiet tal-bejgħ fis-suq intern (COM(2001) 546 finali

90 — Iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punti 90 sa 94.

91 — Iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, punti 106 sa 111.

119. Il-proposta msemmija iktar 'il quddiem, tikkonċerna regolamentazzjoni Komunitarja li finalment qatt ma daħlet fis-seħħ u għaldaqstant, qatt ma saret parti intergrali mis-sistema ġuridika Komunitarja. Huwa b'hekk diffiċli biex din tintuża bħala sors ta' interpretazzjoni. U dan, *a fortiori*, meta l-Kummissjoni tirtira dik il-proposta fuq l-inizjattiva tagħha stess, bħal fil-każ taabbozz ta' regolament inkwistjoni. Għandu jiġi mfakkar li l-Kummissjoni għandha biss dritt ta' inizjattiva u li hija b'hekk għandha l-possibbiltà li tirtira l-proposti tagħha. Dawn jistgħu barra minn hekk ikunu suġġetti għal għadd ta' emendi mill-Kunsill u mill-Parlament matul il-proċedura leġiżlattiva, b'hekk illi jistgħu jintużaw bħala mezzi awżiljari ta' interpretazzjoni biss sa grad limitat [92]. Għaldaqstant, il-forma definittiva ta' tali regolament tista' tkun biss is-suġġett ta' suppożizzjonijiet. Din hija r-raġuni għalfejn tali proposta ma tistax tagħti lok għal aspettattiva leġittima.

120. Fi kwalunkwe każ, Stat Membru ma jistax jinvoka aspettattiva leġittima meta kellu sehem importanti fiż-żewġ proċeduri leġiżlattivi. Il-proċeduri leġiżlattivi tar-regolament u tad-Direttiva 2005/29 żvolgew, parzjalment, fl-istess żmien. Il-Gvern Awstrijak, bħala rappreżentant kostituzzjonali ta' Stat Membru fi ħdan il-Kunsill, kellu sehem importanti fiż-żewġ proċeduri leġiżlattivi, u b'hekk kien informat kostantament dwar l-iżviluppi f'dawn tal-aħħar. B'hekk ma jistax jissottometti validament li ma kienx jaf b'dak li kien għaddej matul iż-żewġ proċeduri leġiżlattivi.

121. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ir-responsabbiltà partikolari tal-gvernijiet tal-Istati Membri rappreżentanti fi ħdan il-Kunsill matul l-implementazzjoni tad-direttivi. Hija ddeduċiet mill-fatt li huma jipparteċipaw fil-ħidmiet preparatorji tad-direttivi li kellhom ikunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu l-liġijiet neċessarji għall-implementazzjoni tagħhom fiż-żmien stabbilit [93].

122. Għaldaqstant, l-iktar tard sal-mument tal-irtirar tal-proposta tal-Kummissjoni [94], il-Gvern Awstrijak kien imissu, jekk kien

92 — Ara l-punt 83 tal-konklużjonijiet tiegħi tad-29 ta' Ottubru 2009 fil-kawża Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid vs Ausbanc (C-484/08, Ġabra p. I-4785). F'dan is-sens, ara K. Riesenhuber, "Die Auslegung", f': *Europäische Methodenlehre*, Berlin 2006, p. 257, punt 31. L-awtur jispjega li l-interpretazzjoni storika, li tikkonċentra fuq l-antekedenti u l-oriġini, għandha post ċentrali fid-dritt Komunitarju. Jekk l-għan tal-interpretazzjoni huwa li jiġi stabbilit x'inhi l-volontà tal-leġiżlatur, jeħtieġ fl-ewwel lok li jiġi stabbilit liema volontà hija determinanti. Il-leġiżlatur demokratikament leġittimu mhu ħadd għajr il-korpi leġiżlattivi li jkunu approvaw l-att inkwistjoni. Korpi differenti jiġu biss mismugħa u l-Kummissjoni stess għandha biss dritt ta' inizjattiva u l-possibbiltà li tirtira l-proposti; dawk il-proposti jistgħu jiġu emendati matul il-proċedura leġiżlattiva. Il-proposti jew ix-xewqat tal-Kummissjoni li ma jiġux adottati jistgħu, sal-iktar (iżda mhux neċessarjament), jipprovdu argument *a contrario*.

93 — Sentenzi tal-1 ta' Marzu 1983, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (301/81, Ġabra p. 467, punt 11); u tat-23 ta' Novembru 2000, Il-Kummissjoni vs Franza (C-319/99, Ġabra p. I-10439, punt 10).

94 — Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira l-abbozz tagħha ta' regolament ġiet ippubblikata fil-ĠU 2006, C 64, p. 3. Madankollu, il-Kummissjoni kienet diġà ħabbret dik id-deċiżjoni fil-komunikazzjoni tagħha "Riżultat tal-eżami tal-proposti leġiżlattivi pendenti quddiem il-leġiżlatur" [COM(2005) 462 finali, tas-27 ta' Settembru 2005, p. 10].

il-każ, jivverifika sa liema grad il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2005/29 kien jestendi għal oqsma li sa dak iż-żmien kienu koperti bir-regolament fi stat ta' abbozz. Kien evidenti li dan kien il-mod kif kellu jipproċedi, b'mod partikolari peress li, skont il-formolazzjoni inizjali tagħha, id-Direttiva kienet intiża, minn naħa waħda, biex tintroduċi dispożizzjonijiet sussidjarji fid-dritt Komunitarju dwar il-ħarsien tal-konsumatur u, min-naħa l-oħra, li tarmonizza kompletament il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-prattiki kummerċjali żleali [95]. Inkwantu l-irtirar seħħ f'mument meta t-terminu ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva kien għadu qed jiddekorri, kien fir-responsabbiltà tal-leġiżlatur Awstrijak biex jieħu dan f'kunsiderazzjoni matul l-adattament tad-dritt nazzjonali.

123. Finalment, għandu jingħad li, fis-sentenza VTB-VAB u Galatea, il-Qorti tal-Ġustizzja ma aċċettatx l-argument, essenzjalment identiku, tal-Gvern Belġjan, biex b'hekk indikat impliċitament li hija me ssegwix dik il-linja ta' raġunament. Dan finalment ġie kkonfermat mis-sentenza Plus Warenhandelsgesellschaft [96].

95 — F'dan is-sens ara wkoll, J. Stuyck, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, li jippreżumi li ċerti Stati Membri ma rrealizzawx b'mod ċar li d-dispożizzjonijiet tal-abbozz tar-regolament irtirat li kien jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn il-kummerċjant u l-konsumatur fl-aħħar mill-aħħar ġew riprodotti fid-Direttiva 2005/29 (meta jitqies l-għan tagħha ta' armonizzazzjoni sħiħa).

96 — Sentenza Plus Warenhandelsgesellschaft (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 33).

124. Għaldaqstant, dak l-argument għandu jiġi miċħud.

5. Konklużjonijiet

125. Fil-qosor, għandu jiġi kkonstatat li, fl-ewwel lok, il-fatt li l-istruttura tad-dispożizzjoni nazzjonali, ifformulata bħala projbizzjoni fil-prinċipju, ma tippermettix, fl-istess grad bħad-Direttiva 2005/29, evalwazzjoni każ b'każ tan-natura żleali tal-prattika kummerċjali inkwistjoni, jimmilita favur l-inkompatibbiltà ta' dik id-dispożizzjoni mar-rekwiżiti tad-Direttiva [97].

126. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tistax titqies bħala traspożizzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(2), (4) u (5) tad-Direttiva 2005/29, anki jekk tiġi sottomessa għal interpretazzjoni restrittiva bħal dik tal-ġurisprudenza Awstrijaka. Dan jirriżulta mill-fatt li l-kundizzjonijiet legali applikabbli tad-dispożizzjoni nazzjonali ma jikkorrispondux mal-kundizzjonijiet stipulati mid-Direttiva biex prattika kummerċjali tiġi kkwalifikata bħala żleali jew li huwa impossibbli li jingħataw interpretazzjoni konformi mad-Direttiva.

97 — Ara l-punti 76 sa 79 ta' dawn il-konklużjonijiet.

127. Peress li d-Direttiva 2005/29 tipprekludi projbizzjoni tal-offerti konġunti bħal dik prevista fl-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG, ma huwiex neċessarju li jiġi eżaminat kienx hemm ksur eventwali tal-libertajiet fundamentali [98].

128. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29 jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprojbixxi, bl-esklużjoni ta' eċċezzjonijiet elenkati b'mod eżawrjenti, l-avviż, l-offerta u l-għoti ta' benefiċċji b'xejn ma' pubblikazzjonijiet perjodiċi kif ukoll ir-riklamar ta' benefiċċji b'xejn assoċjati ma' prodotti jew servizzi oħrajn, mingħajr l-obbligu li tiġi vverifikata każ b'każ in-natura qarrieqa, aggressiva jew żleali ta' tali prattika kummerċjali, anki meta d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni issegwi mhux biss l-għan ta' ħarsien tal-konsumatur, iżda wkoll finijiet oħrajn li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq, bħal pereżempju, iż-żamma tal-pluraliżmu tal-istampa jew il-protezzjoni tal-kompetituri l-iktar dgħajfa.

129. Finalment, għandu jiġi mfakkar f'dan ir-rigward li, b'differenza minn dak li tidher li qed tippresupponi l-qorti tar-rinviju [99], skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [100], fi kwalunkwe każ id-dritt Komunitarju ma jeħtiġx li, f'kawża bejn individwi, il-qrati nazzjonali ma japplikawx id-dritt nazzjonali inkompatibbli ma' direttiva.

C — *It-tieni domanda preliminari*

130. Interpretata raġonevolment, it-tieni domanda preliminari essenzjalment titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkonstata jekk prattika kummerċjali partikolari tistax titqies bħala "żleali" fis-sens tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29, abbażi ta' ċerti kundizzjonijiet li l-qorti tar-rinviju tikkunsidra li ġew manifestament sodisfatti. Konkretament, fl-ispjegazzjonijiet tagħha, il-qorti tar-rinviju titlaq mill-ipoteżi li "il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'logħba" marbuta max-xiri ta' gazzetta "tirrappreżenta, ta' mill-inqas għal parti mill-pubbliku kkonċernat, għalkemm mhux l-uniku motiv, iżda ċertament il-motiv determinanti li jwassalhom sabiex jixtru". Din il-karatteristika

98 — Ara s-sentenza VTB-VAB und Galatea (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 67).

99 — Ara l-punt 2.2, f'paġna 13 tad-digriet tar-rinviju. Il-qorti tar-rinviju tindika li hija tikkunsidra li l-Artikolu 9a(1)(1) tal-UWG isir "inutli" jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda preliminari.

100 — Ara, fir-rigward tal-effett orizzontali immedjat tad-direttivi, is-sentenzi Marleasing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 64), punt 6; Faccini Dori (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 64), punti 24 *et seq*; tas-26 ta' Settembru 2000, Unilever (C-443/98, Ġabra p. I-7535, punt 50). Ara, fir-rigward tal-possibbiltà li titressaq azzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju meta dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali jkunu jistgħu jiġu interpretati b'mod inkompatibbli mad-direttiva, is-sentenzi tat-8 ta' Ottubru 1996, Dillenkofer *et* (C-178/94, C-179/94 u C-188/94 sa C-190/94, Ġabra p. I-4845); tal-24 ta' Settembru 1998, EvoBus Austria (C-111/97, Ġabra p. I-5411, punti 27 u 28); u tat-28 ta' Ottubru 1999, Alcatel Austria *et* (C-81/98, Ġabra p. I-7671, punti 49 u 50).

hija rilevanti fl-ewwel lok sabiex jiġi stabbilit jekk, f'din il-kawża, kienx hemm bidla sostanzjali fl-imġiba ekonomika tal-konsumatur medju, fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2005/29.

131. L-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2005/29 jindika b'mod ċar li dak li huwa importanti fl-ewwel lok huwa l-effett ta' prattika kummerċjali partikolari fuq l-imġiba tal-konsumatur medju li hija taffettwa jew tindirizza. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni tad-direttiva tadotta l-metodu ta' analiżi elaborat mill-Qorti tal-Ġustizzja u tirfinah billi tadattah għas-sitwazzjonijiet fejn ikunu kkonċernati l-interessi ta' gruppi partikolari [101]. Meta prattika kummerċjali partikolari tkun indirizzata lil grupp speċifiku, irid jiġi stabbilit jekk dik il-prattika kummerċjali tbiddilx jew tistax tbiddel, b'mod sostanzjali l-aġir ta' membru medju ta' dak il-grupp. Meta ssir dik l-analiżi, jeħtieġ li wieħed iħares mill-perspettiva ta' dak il-konsumatur medju billi jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-aspettattivi tiegħu u r-reazzjonijiet li aktarx ser ikollu [102].

132. Peress li huwa ċar li l-istedina, li ġiet ippubblikata mill-konvenuta fil-kawża prinċipali fil-gazzetta tagħha, biex in-nies jipparteċipaw f'logħba-kompetizzjoni bi premju, dehret f'gazzetta ġenerali u mhux, pereżempju, f'gazzetta sportiva, huwa fil-kompitu tal-qorti nazzjonali biex teżamina sa liema grad dik l-għotja tista' tkun indirizzata lil grupp ta' qarrejja partikolari u b'hekk għandux jiġi applikat dan it-tieni kriterju ta' evalwazzjoni.

133. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li prattika kummerċjali tista' titqies bħala żleali fis-sens tal-Artikolu 5(2) biss jekk tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikolu 5(2)(a) u (b) [103]. Din hija r-raġuni għalfejn, f'din il-kawża, jeħtieġ li jkun hemm ukoll ksur tar-rekwiżiti tad-diliġenza professjonali. L-espressjoni "diliġenza professjonali" hija ddefinita fl-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 2005/29 bħala "l-istandard ta' sengħa u kura speċjali li kummerċjant huwa raġonevolment mistenni li jeżerċita fir-rigward ta' konsumaturi, proporzjonat ma' prattika onesta fis-suq u/jew mal-prinċipju ġenerali tal-bona fidi fil-qasam ta' attività tal-kummerċjant". Huwa fil-kompetenza tal-qorti nazzjonali biex tivverifika jekk kienx hemm tali ksur f'din il-kawża.

134. Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda preliminari hi li l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'logħba, marbuta max-xiri ta' gazzetta ma tikkostitwixxix prattika kummerċjali żleali fis-sens tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29 għas-sempliċi fatt li tirrappreżenta, ta' mill-inqas għal parti mill-pubbliku kkonċernat, għalkemm mhux l-uniku motiv, iżda ċertament il-motiv determinanti li jwassalhom sabiex jixtru l-gazzetta.

101 — F'dan is-sens ara wkoll G. Abbamonte, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57, p. 25, li jitkellem dwar titjib ta' dan il-metodu ta' analiżi billi jiġi mmodifikat meta jkunu involuti l-interessi ta' gruppi partikolari.

102 — G. Abbamonte, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57, p. 25, jagħti eżempji ta' applikazzjoni ta' dik ir-regola. Meta prattika kummerċjali tkun indirizzata lil grupp partikolari ta' konsumaturi, pereżempju lil tfal jew lil esperti tal-missili, wieħed għandu jibbaża fuq membru medju ta' dak il-grupp. Fil-każ ta' pubbliċità għal ġugarell fil-kuntest ta' trażmissjoni għat-tfal, skont l-awtur, wieħed għandu jibbaża fuq l-aspettattivi u r-reazzjonijiet probabbli ta' tifel medju tal-grupp fil-mira, mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-aspettattivi u r-reazzjonijiet ta' tifel li jkun eċċezzjonalment immatur.

103 — Ara l-punt 93 ta' dawn il-konklużjonijiet.

VII — Konklużjoni

135. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi skont kif ġej għad-domandi preliminari tal-Oberster Gerichtshof:

1) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprojbixxi, bl-esklużjoni ta' eċċezzjonijiet elenkati b'mod eżawrjenti, l-avviż, l-offerta u l-għoti ta' benefiċċji b'xejn ma' pubblikazzjonijiet perjodiċi kif ukoll ir-riklamar ta' benefiċċji b'xejn assoċjati ma' prodotti jew servizzi oħrajn, mingħajr l-obbligu li tiġi vverifikata każ b'każ in-natura qarrieqa, aggressiva jew żleali ta' tali prattika kummerċjali, anki meta d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni issegwi mhux biss l-għan ta' ħarsien tal-konsumatur, iżda wkoll finijiet oħrajn li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq, bħal pereżempju, iż-żamma tal-pluraliżmu tal-istampa jew il-protezzjoni tal-kompetituri l-iktar dgħajfa.

2) Il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'logħba, marbuta max-xiri ta' gazzetta ma tikkostitwixxix prattika kummerċjali żleali fis-sens tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29 għas-sempliċi fatt li tirrappreżenta, ta' mill-inqas għal parti mill-pubbliku kkonċernat, għalkemm mhux l-uniku motiv, iżda ċertament il-motiv determinanti li jwassalhom sabiex jixtru l-gazzetta.